*ART 5 TAL-KONVENZJONI EWROPEA*

*HELSIEN MILL-ARREST*

*RIKUZA*

*AMMISSJONI*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Ottubru 2016**

**Kawza Numru : 3**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 25/2015/LSO**

**Darren Charles Desira**

**vs**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Darren Charles Desira (detentur tal-karta ta' l-identita' numru 96692M) datat 6 ta’ Marzu 2015 fejn espona: -

IIIi r-rikorrent tressaq b'arrest fis-17 ta' Dicembru tas-sena 2001 akkuzat b'reati konnessi mad-droga. F'dik l-istess gurnata l-Agent Avukat Generali kien ordna li r-rikorrent jigi processat quddiem il-Qorti Kriminali.

IIIi fit-18 ta' Gunju tas-sena 2002 ir-rikorrent inghata l-helsien mill-arrest.

Illi fid-19 ta' Jannar tas-sena 2005 ir-rikorrent ircieva att ta' akkuza mahrug mill-Avukat Generali fejn, fl-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza, gie akkuzat talli assocja ruhu ma' persuni ohra f’Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina u droga ohra f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni u, fit-tieni kap, talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (kokaina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe` meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Illi fis-26 ta' Novembru 2012, ir-rikorrent irregistra ammissjoni ghar-reati dedotti fl-att ta' l-akkuza u b'sentenza tas-27 ta' Novembru 2012, il-Qorti Kriminali kkundannatu ghall-piena ta' tmintax-il sena (18) prigunerija u multa ta' €46,800 oltre l-ispejjez peritali inkorsi fil-kawza.

Illi, permezz ta' rikors ta' appell ipprezentat fit-18 ta' Dicembru 2012, ir-rikorrent appella minn dik is-sentenza. Fil-mori tat-terminu ta' l-appell, proprju lejn l-ahhar tieghu, ir-rikorrent u d-difensuri tieghu wasslitilhom informazzjoni skoncertanti li l-Imhallef li ppresjeda l-proceduri fil-Qorti Kriminali kien gie avvicinat minn Imhallef iehor u mistieden jikkarga d-doza tal-piena moghtija lilu. Ir-rikorrent, ghalhekk, fl-ewwel aggravju tieghu f'dan l-appell, talab li l-proceduri kollha li saru bejn is-26 u s-27 ta' Novembru 2012 jigu dikjarati nulli u l-kawza tigi assenjata lil Imhallef iehor.

Illi wara li gie pprezentat ir-rikors ta' appell tieghu r-rikorrent ikkostitwixxa ruhu *parte civile* fi proceduri kriminali konnessi ma' dan l-incident li ttiehdu kontra tliet persuni inkluz l-Imhallef li avvicina lill-Imhallef li ta s-sentenza tas-27 ta' Novembru 2012. Ir-rikorrent huwa llum formalment edott mill-fatt li dik li waqt ir-redazzjoni tar-rikors ta' l-appell kienet informazzjoni skoncertanti hija llum effettivament realta` skwallida li taghha ngabu l-provi mill-prosekuzzjoni fil-kawzi kriminali kontra t-tliet persuni msemmija.

Illi peress li wara t-trapass ta' kwazi sentejn minn meta gie pprezentat ir-rikors ta' appell imsemmi, tali rikors kien

ghadu ma giex appuntat ghas-smigh, ir-rikorrent talab il-helsien mill-arrest fil-21 ta' Ottubru 2014 permezz ta' rikors intavolat quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

Illi fis-seduta appuntata ghas-smigh tar-rikors, fis-6 ta' Novembru 2014, ir-rikorrent talab ghar-rikuza ta' l-Onorevoli Prim Imhallef Silvio Camilleri peress li fiz-zmien meta harget l-ordni biex jigi pprocessat quddiem il-Qorti Kriminali huwa kien jokkupa l-kariga ta' Agent Avukat Generali u fiz-zmien li harget l-att ta' l-akkuza huwa kien l-Avukat Generali. B'digriet tat-18 ta' Novembru 2014, din it-talba giet michuda.

Illi fis-seduta ta' l-24 ta' Novembru 2014, ir-rikorrent talab sabiex, qabel ma jsiru s-sottomissjonijiet fir-rigward tat-talba ghall-helsien mill-arrest, jigu prodotti xi provi konsistenti f'traskrizzjonijiet ta' telefonati. Din it-talba saret sabiex il-Qorti ta' l-Appell Kriminali tigi formalment edotta mill-fatti li wasslu ghall-inkluzjoni ta' l-ewwel aggravju fir-rikors ta' l-appell tieghu. B'digriet tal-5 ta' Dicembru 2014, din it-talba giet ukoll michuda.

Illi iktar tard fil-5 ta' Dicembru 2014, il-partijiet ittrattaw it-talba tal-helsien mill-arrest. B'digriet moghti kameralment fil-11 ta' Dicembru 2014, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali cahdet it-talba tar-rikorrent ghall-helsien mill-arrest.

Illi ir-rikorrent jissottometti li b'din is-sensiela ta' fatti u bil-mod kif gew kondotti il-proceduri relatati mat-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest, gie lez id-dritt tieghu sancit fl-

Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-lamenti tieghu huma principalment is-segwenti:

*1. L-ordni ta' l-Avukat Generali sabiex ir-rikorrent jigi processat mill-Qorti Kriminali u l-konsegwenzi ta' din id-decizjoni fuq il-helsien mill-arrest tieghu.*

Illi, kif spjegat iktar 'l fuq, fis-17 ta' Dicembru tas-sena 2001, l-Avukat Generali ordna li r-rikorrent jigi processat quddiem il-Qorti Kriminali. Minghajr ma wiehed jidhol fi kwistjonijiet dwar il-korrettezza ta' din id-decizjoni u l-legalita` tal-proceduri fiz-zmien meta ttiehdet, huwa assjomatiku li dik id-decizjoni hija l-unika raguni li r-rikorrent jinsab attwalment detenut.

Illi is-subinciz (1) ta' l-artikolu 416 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li meta persuna li ma tkunx taht arrest tinstab hatja mill-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali, hija tista', jekk tiddikjara li trid tappella mis-sentenza, taqla' mill-qorti inferjuri t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza. Is-subinciz (1A) ta' l-istess artikolu mbaghad jghid li meta, qabel il-kundanna, dik il-persuna kienet tgawdi l-helsien mill-arrest, il-kundizzjonijiet relattivi ghal dak il-helsien mill-arrest ghandhom jibqghu japplikaw. Ma jezistu ebda disposizzjonijiet analogi f'kaz ta' sejbien ta' htija mill-Qorti Kriminali.

Illi fis-26 ta' Novembru 2012, ir-rikorrent kien qed igawdi mill-beneficcju tal-helsien mill-arrest. Ghalhekk, li kieku l-Avukat Generali ordna li r-rikorrent jigi processat quddiem

il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali, ir-rikorrent kien ikun ghadu qed igawdi dan il-beneficcju. Id-diskrepanza fil-ligijiet li japplikaw ghall-helsien mill-arrest wara appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali u dawk applikabbli f'kazijiet ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti Kriminali, partikolarment meta bhalma gara f'dan il-kaz tali diskrepanza hija konsegwenza diretta ta' decizjoni mehuda mill-Avukat Generali, hija leziva tad-dritt tar-rikorrent kif sancit fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

*2. In-nuqqas li l-Onor. Prim Imhallef Silvio Camilleri jirrikuza ruhu mill-proceduri relatati mat-talba tar-rikorrent ghall-helsien mill-arrest.*

Illi fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2014, wara li r-rikorrent talab ghar-rikuza ta' l-Onorevoli Prim Imhallef Silvio Camilleri, id-difensuri tieghu gew mitluba sabiex jispjegaw skont liema disposizzjoni tal-ligi kienu qed jinkwadraw it-talba tar-rikorrent. Kif spjegat iktar 'l fuq, fiz-zmien meta harget l-ordni msemmija biex ir-rikorrent jigi pprocessat quddiem il-Qorti Kriminali l-Onorevoli Prim Imhallef kien jokkupa l-kariga ta' Deputat Avukat Generali u fiz-zmien li harget l-att ta' l-akkuza huwa kien l-Avukat Generali. Ir-rikorrent bl-akbar rispett jissottometti li r-raguni ghat-talba tieghu hija tant manifesta li l-ezercizzju mitlub mill-Qorti kien wiehed superfluwu. Id-difensuri tar-rikorrent, fuq l-insistenza tal-Qorti, indikaw l-artikolu 734(l)(d)(i) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi fid-digriet taghha il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghamlet referenza kemm ghad-disposizzjoni indikata mir-rikorrent kif ukoll ghas-subinciz (8) ta' l-artikolu 446 tal-Kodici Kriminali rez applikabbli ghall-Qorti ta' l-Appell Kriminali permezz tas-subinciz (2) ta' l-artikolu 510 ta' l-istess Kodici. Saret referenza wkoll ghas-sentenza ta' l-istess Qorti fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v Meinrad Calleja*** *(23.01.2001).* Apparti l-fatt li r-ragunijiet li kienu wasslu ghat-talba ta' rikuza f'dak il-kaz kienu *toto caelo* differenti minn dawk tal-kaz odjern, ir-rikorrent ma huwiex ser jidhol f'diskwizizzjonijiet ta' natura legali dwar l-interpretazzjonijiet li ghandhom jinghataw lid-disposizzjonijiet imsemmija izda sejjer biss jaghmel tieghu il-bran ta' l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick citat mill-istess Qorti:

*"The objective test of 'impartiality' is comparable to the English Law doctrine that 'justice must not only be done: it must also be seen to be done'. In this context the [European] Court [of Human Rights] emphasises the importance of 'appearances'. As the Court has stated, '[w]hat is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and, above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused'. In applying the test, the opinion of the party to the case who is alleging partiality is 'important but not decisive'; what is crucial is whether the doubt as to the impartiality can be 'objectively justified'. If there is a legitimate doubt as to a judge's impartiality, he must withdraw from the case."*

Illi, ghalhekk, ir-rikorrent jissottometti bl-akbar rispett li l-fatt li l-Onorevoli Prim Imhallef Silvio Camilleri, fiz-zmien meta harget l-ordni biex jigi pprocessat quddiem il-Qorti Kriminali kien jokkupa l-kariga ta' Deputat Avukat Generali u fiz-zmien li ttiehdet id-decizjoni li tohrog att ta' l-akkuza u mhux kontro-ordni biex jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali, huwa kien jokkupa l-kariga ta' Avukat Generali bil-konsegwenza li, direttament jew indirettament, b'dawn id-decizjonijiet, gie prekluz milli awtomatikament ikompli jgawdi l-helsien mill-arrest, ifisser li l-ezercizzju li jsir tentattiv biex it-talba ghar-rikuza tigi inkwadrata f'disposizzjoni tal-ligi kienet qed taghti wisq importanza lill-formalizmu procedurali u tinjora l-ispirtu tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi r-rikorrent, li gja` tilef hafna mill-fiducja li kellu fis-sistema tal-gustizzja, ghamel it-talba tieghu ghar-rikuza ta' l-Onorevoli Prim Imhallef Silvio Camilleri u r-ragunijiet minnu moghtija in sostenn ta' dik it-talba huma manifestament "objectively justified". Ma' dan jizdied bl-akbar rispett li l-fatt li l-gudikant li ser jiddeciedi jekk ghandekx tinghata l-helsien mill-arrest kien direttament jew indirettament involut fil-prosekuzzjoni tieghek hija raguni *sui generis* li twassal ghall-kriterju fuq citat ta' "objectively justified". Ghalhekk, bid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-18 ta' Novembru 2014, fejn giet michuda it-talba tieghu ghar-rikuza ta' l-Onorevoli Prim Imhallef Silvio Camilleri, gie lez id-dritt tieghu sancit fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

3. *Id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-5 ta' Dicembru 2014 fejn it-talba tar-rikorrent sabiex jipproduci xi provi in sostenn tat-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest giet michuda u d-decizjoni tal-11* ta' *Dicembru 2014 fejn it-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest giet michuda.*

Illi kif gie spjegat iktar 'l fuq, fl-ewwel aggravju tar-rikors ta' l-appell tieghu, ir-rikorrent talab li l-proceduri kollha li saru bejn is-26 u s-27 ta' Novembru 2012 jigu dikjarati nulli u l-kawza tigi assenjata lil-Imhallef iehor.

Illi hija prassi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede Superjuri) li, f'kazijiet simili, ma taghtix il-helsien mill-arrest principalment ghar-raguni li appell minn sentenza tal-Qorti Kriminali ma tissospendix l-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza u l-persuna koncernata titqies bhala persuna "ikkundannata". Huwa ghalhekk li tali helsien mill-arrest jinghata biss f'cirkostanzi eccezzjonali.

Illi c-cirkostanzi ta' dan il-kaz huma in effetti eccezzjonali. Ma hijiex haga ta' kuljum li Mhallef ikellem Imhallef iehor bl-intenzjoni li dan jikkarga d-doza tal-piena ta' persuna akkuzata. Naturalment ir-rikorrent deherlu li kellu jgib dawn il-fatt, gja' ippruvati bl-evidenza f'kawzi fejn huwa ikkostitwixxa ruhu bhala *parte civile*, a konjizzjoni formali tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Dik il-Qorti, b'referenza bl-akbar rispett lakonika ghall-hames paragrafi ta' l-artikolu 575(1) tal-Kodici Kriminali, cahdet it-taba tieghu. B'tali cahda l-Qorti ekwiparat il-kaz tar-rikorrent ma' kazijiet

"normali" fejn il-procedura quddiem il-Qorti Kriminali tkun segwiet il-kors taghha b'mod legali u minghajr cirkostanzi li difficilment wiehed jista' jsib aggettivi biex jiddeskrivihom.

Illi b'digriet tal-11 ta' Dicembru 2014, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, wara li kkunsidrat is-sottomissjoni ta' l-Avukat Generali li kien wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih u wara li osservat, *inter alia,* li r-rikorrent ma kienx jaghti l-affidament necessarju li joqghod ghall-kundizzjonijiet kollha tal-Qorti, cahdet it-talba. Ghal kull *buon fini* qed jigi rilevat li meta ir-rikorrent ammetta l-htijiet tieghu, dan ghamlu quddiem dik li dakinhar haseb li kienet Qorti imparzjali u mhux mittiefsa.

IIIi huwa preokkupanti li, filwaqt li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali cahdet it-talba tar-rikorrent ghall-produzzjoni ta' provi fir-rigward ta' l-ewwel aggravju tieghu, ikkummentat b'mod sottili fuq il-portata ta' dak l-ewwel aggravju fejn huwa talab li l-proceduri kollha li saru bejn is-26 u s-27 ta' Novembru 2012 jigu dikjarati nulli u l-kawza tigi assenjata lil lmhallef iehor billi tat x'tifhem, hekk kif kien qed jipprospetta l-Avukat Generali, li l-ammissjoni tieghu kienet wahda regolari. Altrimenti x'kien l-iskop li jsir accenn ghal dan il-fatt? Ir-rikorrent ma jistax jifhem kif ammissjoni quddiem Qorti li giet mitkellma b'mod illecitu u giet skoperta biss wara investigazzjoni tal-Pulizija tista' tigi meqjusa bhala regolari.

Illi r-rikorrent jissottometti wkoll li r-raguni li huwa ma jaghtix l-affidament necessarju li joqghod ghall-

kundizzjonijiet kollha tal-Qorti hija biss skuza biex ma jinghatax il-helsien mill-arrest. Effettivament l-esponent, minhabba diversi fatturi mhux attribwibbli lilu, ghamel diversi snin jistenna li l-kaz tieghu jigi deciz. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li kien jaf bil-konsegwenzi ta' sejbien ta' htija - certament ma sarx jafhom wara li gie ikkundannat. Ghalhekk id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-5 ta' Dicembru, 2014 fejn it-talba tieghu sabiex jipproduci provi in sostenn tat-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest giet michuda u d-decizjoni tal-11 ta' Dicembru 2014 fejn it-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest giet michuda huma wkoll lezivi tad-dritt tieghu sancit fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li bid-detenzjoni tieghu fil-proceduri fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta v. Darren Charles Desira" gie lez id-dritt tieghu sancit fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Taghti dawk id-direttivi kollha sabiex jigi sancit id-dritt tieghu kif protett mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem inkluz dak li tordna r-rilaxx immedjat tieghu mid-detenzjoni;

3. Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.

Rat li din ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' Marzu 2015 u ordnat n-notifika tal-istess rikors lill-intimat b' ghaxart ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata 23 ta' Marzu 2015 a fol 14 tal-process fejn espona :

Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qeghdin hawn jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

1. Illi mhuwiex minnu li *'bid-detenzjoni tieghu fil-proceduri fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta v. Darren Charles Desira" gie lez id-dritt tieghu sancit fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem"* kif allegat mir-rikorrent fir-rikors promutur;

2. Illi fl-ewwel lok, dwar il-fatti elenkati fir-rikors promutur jigi pprecizat li l-appell intavolat mir-rikorrent mid-decizjoni tal-Qorti Kriminali tas-27 ta' Novembru 2012 jinsab appuntat ghas-smigh ghall-14 ta' Mejju 2015. Dwar ir-referenza li ghamel ir-rikorrent ghar-realta` *skwallida li taghha ngabu l-provi mill-prosekuzzjoni* fil-kawzi kriminali kontra tliet persuni ohra fosthom Imhallef (illum decedut) jigi pprecizat ulterjorment li r-realta` tista' biss tirrizulta wara li tinghata decizjoni finali mill-Qorti kompetenti f'dawk il-proceduri gudizzjarji;

3. Illi l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea gћad-Drittijiet tal-Bniedem citat mir-rikorrent jipprovdi li *'Hadd ma* ghandu *jigi ipprivat mil-liberta` tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skont il-procedura preskritta bil-ligi: (a) id-detenzjoni skont il-ligi ta' persuna wara li tinsab hatja minn qorti kompetenti...':*

4. Illi hawnhekk l-esponent jaghmel referenza ghal dak li qalu l-awturi Harris O'Boyle and Warbrick fil-ktieb taghhom **'Law of *the* European *Convention on Human Rights'*[1]** fejn a fol. 138 jghidu hekk:

*"Article 5(1) (a) permits the lawful detention of a person after conviction by a competent court. The purpose of detention must therefore be the execution of the sentence of imprisonment imposed by* a *court judgment.*

*A conviction is a conviction by a trial court, so detention pending appeal is justified by reference to Article 5(1)(a)."*

5. Illi effettivament ir-rikorrent jinsab detenut fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin wara d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti Kriminali tas-27 ta' Novembru 2012, li sabitu hati skont l-Att tal-Akkuza numru 1 tas-sena 2005 wara li huwa stess kien ammetta l-htija tieghu waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2012, ammissjoni li giet mtennija wara li gie debitament imwissi minn dik l-Onorabbli Qorti fuq il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu u tatu ftit zmien biex jerga' lura minnha b'dan illi kull allegat ksur tal-Artikolu 5 tal-imsemmija Konvenzjoni huwa ghal kollox insostenibbli;

6. Illi inoltre, l-ordni tal-Avukat Generali sabiex ir-rikorrent jigi pprocessat mill-Qorti Kriminali kienet pjenament gustifikata tenut kont ic-cikorstanzi tal-kaz, partikolarment izda mhux biss l-involviment tar-rikorrent fir-reat, l-ammont ta' droga in kwistjoni u l-purita` taghha (1941.2 grammi kokaina b'purita ta' 88%);

7. Illi dejjem minghajr pregudizzju, minkejja li kien hemm parametru ta' plena komuni (ta' bejn l-erbgha u l-ghaxar snin) punibbli kemm mill-Qorti tal-Magistrati kif ukoll dik Kriminali, ghar-ragunijiet elenkati fl-imsemmija decizjoni tas-27 ta' Novembru 2012, il-Qorti Kriminali kkundannat lir-rikorrent ghall-piena ta' tmintax-il sena prigunerijia. *Multo magis,* anke fil-kazijiet relatati ta' Joseph Borg u John Sultana, li kellhom involviment inferjuri fir-reat minn dak tar-rikorrent, il-Qorti Kriminali kkundannathom ghall-piena ta' tlettax (13) u erbatax (14) -il sena prigunerija. Isegwi ghalhekk li d-decizjoni tal-esponent sabiex ir-rikorrent jigi pprocessat mill-Qorti Kriminali issib ukoll sostenn fid-decizjonijiet tal-Onorabbli Qorti Kriminali;

8. Illi dwar il-fatt illi persuna misjuba hatja mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, jekk tiddikjara li trid tappella, tista' taqla' mill-Qorti Inferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza, u fejn dik il-persuna kienet tgawdi l-helsien mill-arrest, tibqa' tgawdi l-helsien mill-arrest taht l-istess kundizzjonijiet li kienet tgawdi qabel il-kundanna, u l-fatt li ma jezistu l-ebda disposizzjonijiet analogi f'kaz ta' sejbien ta' htija mill-Qorti Kriminali, l-esponent jirrileva li dan ma jammonta ghall-ebda ksur tal-

Artikolu 5 tal-Konvenzjoni ghad-Drittijiet tal-Bniedem kif allegat mir-rikorrent. F'kull kaz u minghajr pregudizzju, it-twaqqif tal-ezekuzzjoni ta' sentenza moghtija minn Qorti Inferjuri pendenti l-appell, la huwa awtomatiku u lanqas garantit;

9. Illi f'kull kaz u dejjem minghajr pregudizzju, *'id-diskrepanza fil-ligijiet* allegata mir-rikorrent hija gustifikata tenut kont tas-serjeta` ta' sejbien ta' htija minn Qorti Kriminali rrispettivament mill-fatt jekk il-kaz intbaghatx quddiem dik il-Qorti bhala *'konsegwenza diretta ta' decizjoni mehuda mill-Avukat Generali'* kif allegat mir-rikorrent;

10. Illi inoltre, il-Qorti ma njorat l-ebda spirtu tal-Konvenzjoni Ewropea meta talbet lir-rikorrent jindika l-artikolu tal-ligi li *a tenur* tieghu kienet qieghda tintalab it-talba ghar-rikuza tal-Onor. Prim' Imfiallef kif allegat mir-rikorrent u fic-cirkostanzi kienet pjenament gustifikata li titlob lir-rikorrent jispecifika l-bazi legali tat-talba tieghu;

11. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju d-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-18 ta' Novembru 2014, fejn giet michuda t-talba tar-rikorrent ghar-rikuza ta' l-Onor. Prim' Imhallef Silvio Camilleri, huwa gust ghar-ragunijiet hemm indikati u ma jwassal ghall-ebda ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-kif allegat mir-rikorrent;

12. Illi dejjem minghajr pregudizzju d-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-5 ta' Dicembru 2014, fejn giet michuda it-talba tar-rikorrent sabiex jigu esebiti t-traskrizzjonijiet mitluba mill-appellant f'dak l-istadju ta' talba ghall-helsien mill-arrest, u d-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-11 ta' Dicembru 2014, fejn giet michuda t-talba tar-rikorrent ghall-helsien mill-arrest tieghu, huma gusti ghar-ragunijiet hemm indikati u ma jwassalu ghall-ebda ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijet tal-Bniedem kif allegat mir-rikorrent;

13. Illi inoltre, ic-cirkostanzi *'eccezzjonali'* li ghalihom ir-rikorrent qieghed jirreferi fir-rikors promutur, f'kull kaz u dejjem minghajr pregudizzju jirrisalu ghal wara li r-rikorrent kien tenna l-ammissjoni tieghu ghar-reat lilu imputat. Bir-rispett dovut, il-jeddijiet kostituzzjonali ma jinghatawx biex min hu tassew hati jasal biex, b'xi mod jew b'iehor, ma jwegibx tal-htija tieghu;

14. Illi in kwantu r-rikorrent qieghed ukoll jattakka l-imsemmija decizjonijiet fil-mertu, l-esponent umilment jirrelva ukoll li dawn il-proceduri kostituzzjonali m'ghandhomx u ma jistghux iservu ta' appell minn decizjonijiet ta' Qrati ohra. Kif bosta drabi tenniet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, din l-Onorabbli Qorti fis-Sede Kostituzzjonali taghha ghandha l-kompitu illi tara jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kienx hemm ksur jew le tad-drittijiet sanciti fil-Kostituzzjoni ta' Malta jew fil-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem mhux li

tirrevedi d-decizjonijiet tal-Qrati l-ohra biex tiddeciedi jekk dawn gewx decizi sewwa jew le;

15. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, fic-cirkostanzi odjerni ma hemm lok ghall-ebda rimedju kif mitlub mir-rikorrent;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponent, bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 24 ta’ Marzu 2015 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Dr Giannella De Marco u Dr Stephen Tonna Lowell ghar-rikorrenti prezenti. Dehru wkoll Dr Sarah Portelli u Dr Giannella Busuttil ghall-intimat. Dr Tonna Lowell talab li jigu allegati kopja:

- tal-Ordni tal-Avukat Generali fejn gie ordnat li r-rikorrent jigi processat quddiem il-Qorti Kriminali;
- tal-att tal-akkuza fil-konfront tar-rikorrent mahruga mill-Avukat Generali;
- tas-sentenza Kriminali datata 27 ta’ Novembru 2012; u
- tal-atti kollha tal-process mill-prezentata tar-rikors tal-Appell sal-prezenti.

Il-Qorti laqghet t-talba u ordnat lir-Registratur Qrati (Kriminali) sabiex jaghmel kopji legali tal-atti mitluba sabiex jigu allegati mal-atti ta' din il-kawza. Id-difensuri tal-partijiet

talbu li jirrizervaw li jitolbu l-allegazzjoni ta' atti ohra fi stadju ulterjuri. Dr Tonna Lowell talab ukoll li jressaq il-prova illi fiz-zmien tal-Ordni tal-Avukat Generali datata s-17 ta' Dicembru 2001, l-Onor Prim Imhallef kien jokkupa l-kariga ta' Deputat Avukat Generali, kif ukoll il-prova li fiz-zmien li hareg l-Att tal-Akkuza fid-19 ta' Jannar 2005 l-Onor Prim Imhallef kien jokkupa l-kariga ta' Avukat Generali. Dr Portelli talbet li tirregola ruhha dwar jekk ghandhiex tezenta lill-kontro-parti milli jipproduci l-atti rikjesti. Dr Tonna Lowell talab ukoll li jipproduci bhala xhieda lill-Assistent Kummissarju Neil Harrison sabiex jixhed dwar l-investigazzjoni li saret fuq it-tliet persuni msemmija fir-rikors promotur. Il-kawza qed tigi differita ghall-14 ta' April 2015 f12:00p.m. f'liema data ghandu jigi prodott bhala xhud l-Assistent Kummissarju Neil Harrison da parti tar-rikorrent.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 14 ta' April 2015 fejn meta ssejjah ir-rikors deher ir-rikorrent assistit minn Dr Stephen Tonna Lowell u Dr Giannella DeMarco. Dehret Dr Sarah Portelli ghall-Avukat Generali. Dr Portelli nfurmat lill-Qorti illi l-Onor Prim Imhallef gie appuntat Deputat Avukat Generali fid-9 ta' Awwissu 1994, inhatar Avukat Generali fit-30 ta' April 2004, u sussegwentement Prim Imhallef fid-9 ta' Settebmru 2010. Il-partijiet jistghu jikkonfermaw li meta gie ezercitat l-ewwel diskrezzjoni il-Prim Imhallef kien Deputat Avukat Generali, u meta harget l-Att ta' Akkuza kien Avukat Generali u ghalhekk ir-rikorrent gie ezentat milli jressaq provi ulterjuri dwar dawn l-fatti. Dr Giannella DeMarco u Dr Stephen Tonna Lowell ghar-rikorrent talbu

illi jigu esebiti kopji tar-rinviji ghall-gudizzju li saru mill-Avukat Generali u l-att ta' akkuzi fil-processi fl-ismijiet: "Il-Pulizija vs Raymond Caruana" u "Il-Pulizija vs Sandro Psaila" u qed jinstemghu kontestwalment quddiem il-Magistrat Josette Demicoli. Dr Portelli irrimettiet ruhha b'rizerva li jkollha l-opportunita` li titlob li jigu prodotti atti ulterjuri mill-istess processi jekk ikun il-kaz. Din it-talba in kwantu li hija attinenti ghat-tieni paragrafu tar-risposta tal-Avukat Generali qed tigi milqugha. Il-Qorti tordna lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex jesebixxi dawn l-atti permezz ta' nota f'din il-kawza. Xehed bil-gurament tieghu Neil Harrison, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kontro-ezami gie risevat. Dr Sarah Portelli irrizervat li tipproduci x-xhud Neil Harrison biex jixhed dwar l-investigazzjoni tieghu. Ir-rikors qed jigi differit ghall-provi ghad-19 ta' Mejju 2015 fil-11:30a.m.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali ta' Darren Charles Desira datata 18 ta' Mejju 2016 a fol 195 *et seq* tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijet responsiva tal-Avukat Generali datata 17 ta' Gunju 2016 a fol 205 *et seq* tal-process.

Rat il-verbal tas-seduti mizmuma l-Hamis, 7 ta' Lulju 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru d-difensuri tal-partijiet. Prezenti r-rikorrent. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet Dr Stephen Tonna Lowell u Dr

Maurizio Cordina. Ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi r-rikorrent qed jilmenta li sofra lezjoni fid-drittijiet fondamentali tieghu fit-termini tal-**Artikoli 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem - Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta,** 'il quddiem imsejjah "**Il-Konvenzjoni**" bid-detenzjoni tieghu fil-proceduri fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v Darren Charles Desira* u talab lil din il-Qorti taghti dawk id-direttivi kollha li jidhrilha xierqa inkuz li tordna r-rilaxx immedjat tieghu.

Illi l-allegat lezjoni jistrieh fuq ir-ragunijiet segwenti:

I. Id-diskrepanzi legali li japplikaw ghall-helsien mill-arrest wara appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magstrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali u dawk applikabbli minn sentenzi tal-Qorti Kriminali, partikolarment *stante* li, fil-kaz odjern, tali diskrepanza hija konsegwenza diretta ta' decizjoni mehuda mill-Avukat Generali.

II. In-nuqqas tal-Onor.Prim'Imhallef Silvio Camilleri li jirrikuza ruhu fil-proceduri ghall-helsien mill-arrest istitwiti mir-rikorrent.

III. Id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-5 ta' Dicembru 2014 fejn it-talba tieghu sabiex jipproduci provi in sostenn tat-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest giet michuda u d-decizjoni tal-11 ta' Dicembru 2014 fejn it-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest giet michuda.

Illi l-intimat Avukat Generali oppona ghat-talbiet billi ssolleva diversi eccezzjonijiet fuq il-mertu u cioe`, li d-detenzjoni tar-rikorrent hija lecita fit-termini tal-**artikolu 5** tal-Konvenzjoni in kwantu li jinsab detenut wara sejba ta' htija minn qorti kompetenti, u wara li huwa stess ammetta l-htija tieghu; li l-ordni tal-Avukat Generali biex jigi pprocessat mill-Qorti kriminali fic-cirkostanzi kollha kienet wahda gustifikata; li l-piena applikata lir-rikorrent tirrientra fil-parametri tal-pieni moghtija f'kazijiet simili; li d-diskrepanza li japplika ghall-helsien mill-arrest wara appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magstrati bhala Qorti ta' Gudikatura kriminali u dawk applikabbli ghall-appelli minn sentenzi tal-Qorti Kriminali ma tammontax ghal-lezjoni tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni u f'kull kaz id-diskrepanza fil-ligijiet hija gustifikata; li c-cahda tat-talba ghar-rikuza huwa gust u ma jledix l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni kif inhuma gusti u legali d-decizjonijiet l-ohra lamentati.

**Fatti**

Illi l-fatti li huma rilevanti ghall-kaz in ezami huma s-segwenti.

Illi fis-17 ta' Dicembru 2001 inghatat l-ordni mill-Avukat Generali sabiex ir-rikorrent jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali fit-termini tal-**art. 22 (2) tal-Kap 101 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta).**[1]

Fl-14 ta' Jannar 2005 gie pprezentat l-Att ta' Akkuza kontra r-rikorrent (Att ta' Akkuza Nru. 01/2005) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta kontra Guzeppi Sacco**[2] **u Darren Charles Desira**[3]. Fl-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza, gie akkuzat talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni u, fit-tieni kap, talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (kokaina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe` meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett. Skont dak li jirrizulta mill-atti l-kokaina importata kienet ta' kwazi zewg kilos (1941.2 gramma bi purita' ta' 88%).[4]

Fis-26 ta' Novembru 2012, fl-ewwel appuntament quddiem il-Qorti Kriminali, l-akkuzat, ir-rikorrent odjern, ammetta l-

[1] Esebit a fol 24.
[2] L-ewwel akkuzat miet fil-mori u l-process gie ezawrit fil-konfront tieghu.
[3] Esebit a fol 25-31 tal-process.
[4] Risposta tal-Avukat Generali u l-fatti espressi fit-tieni kap tal-akkuza ammessa mir-rikorrent.

akkuzi migjuba kontrih wara li inghata d-debita twissija fit-termini tal-**artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali.**[5]

B'sentenza tas-27 ta' Novembru 2012[6], il-Qorti Kriminali ddikjarat lir-rikorrent hati tal-akkuzi migjuba, wara li semghet ix-xhieda mtellghin in konnessjoni mal-piena (l-Assistent Kummissarju Neil Harrison u l-akkuzat) u semghet it-trattazzjoni, u kkundannatu ghall-piena ta' tmintax-il sena (18) snin prigunerija u multa ta' €46,800 oltre l-ispejjez peritali inkorsi fil-kawza.

Illi jirrizulta mis-sentenza li fil-konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset dan li ġej:

*"(a) Li saret ammissjoni bikrija qabel il-formazzjoni tal-ġuri.*
*(b) Li fil-każ tal-lum japplika l-artikolu (17(h) tal-Kap 9 u għalhekk qed tqis li l-ewwel Kap għandu jitqies bħala mezz għall-fini għat-tieni Kap.*
*(ċ) Li m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kap 9;*
*(d) Li f'dak iż-żmien l-akkużat ma kellux preċedenti oħrajn.*
*(e) Dwar ir-rwol tal-akkużat.... li kien wieħed importanti ħafna u bl-ebda mod m'hu ser taċċetta li kellu xi rwol passiv – l-akkużat kien strumentali biex twasslu l-flus; ħalli wara din id-droga inġiebet Malta minn Sultana.*

[5] "***453.*** *(1) Jekk l-akkużat, bħala tweġiba għall-mistoqsija li għandha ssir skont l-artikolu 450, jistqarr li hu ħati tar-reat, il-qorti twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba, u tagħtih ftit taż-żmien biex jrrġa' lura minnha. Iżda jekk l-akkużat jibqa' jtenni dik it-tweġiba, din it-tweġiba tiġi irreġistrata u l-qorti tgħaddi 'l quddiem biex tagħti lill-akkużat dik is-sentenza li għandha tingħata skont il-liġi kontra akkużat li jinsab ħati tar-reat."*

[6] Esebita a fol. 32 *et.seq.* tal-process.

*(f) f'dan il-każ ma japplikax l-artikolu 29 tal-Kap 101 għax l-akkużat m'għenx lill-Pulizija taqbad lil xi ħadd u lanqas ikkopera b'xi mod. L-applikazzjoni ta' dan l-artikolu dejjem ikollu effett fuq il-piena.*

*(g) li l-ammont ta' kokaina huwa serju u l-purita' tagħha tħassbek sew.*

*(h) illi tqabbel kemm tqabbel il-pieni, il-Qorti fl-aħħar trid mhux biss tara l-parametri tal-Liġi, iżda wkoll,f'kull każ, x'piena għandha tingħata.*

*(i) Id-difiża semmiet ukoll it-trapass ta' żmien. Issemmew is-sentenzi tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Din ħafna drabi tagħti kumpens żgħir għad-dewmien fil-proċeduri jew inkella tiddeċiedi li s-sejba ta' vjolazzjoni hija biżżejjed jew 'just satisfaction'. Hawn l-Avukat Ġenerali talab żmien aktar biex ikun jista' jtella' xhieda oħrajn u kellu raġun jagħmel dan għax l-Avukat Ġenerali qiegħed hemm biex jieħu ħsieb il-liġi. Dan kien ta' inkonvenjent għall-akkużat u għalhekk il-Qorti jidhrilha li għandha tagħmel temperament fil-quantum tal-multa.*

Illi b'rikors pprezentat fit-18 ta' Dicembru 2012 ir-rikorrent intavola appell minn dik is-sentenza[7] fejn talab li l-proceduri li saru bejn is-26 u s-27 ta' Novembru 2012 jigu dikjarati nulli u l-kawza tigi assenjata lil-lmhallef iehor. Permezz tal-ewwel aggravju espona li fil-mori tat-terminu ta' l-appell, l-esponent u d-difensuri tieghu wasslitilhom informazzjoni skoncernanti li l-Imhallef sedenti fil-Qorti Kriminali li ta s-sentenza appellata gie mitkellem minn Imhallef iehor sabiex jikkarga d-doza tal-piena ta' l-esponenti. Filwaqt li

[7] Esebit a fol 41 *et seq* tal-process.

ghalhekk irrizerva li jgib il-provi ta' dawn l-allegazzjonijiet issottometta, minghajr ma tefa' l-ebda dell fuq l-Imhallef li ddecieda l-kaz tieghu li, izda jekk l-informazzjoni premessa hija korretta, l-Imhallef kellu d-dover u l-obbligu li jgib dan il-fatt a konjizzjoni tal-partijiet u mhux jibqa' ghaddej qisu xejn m'hu xejn. Ghaldaqstant espona li la hu u l-lanqas id-difensuri tieghu ma jhossuhom sereni bil-gudizzju tal-Qorti Kriminali.

Illi b'rikors tal-21 ta' Ottubru 2014[8] ir-rikorrent talab lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali li jigi akkordat l-helsien mill-arrest.

Fl-udjenza tas-6 ta' Novembru 2014 appuntat ghas-smigh tar-rikors ghall-helsien mill-arrest quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, r-rikorrent talab ir-rikuza tal-On. Prim'Imhallef Silvio Camilleri peress li fiz-zmien li harget l-ordni sabiex jigi processat quddiem il-Qorti Kriminali huwa kien jokkupa l-kariga ta' Deputat Avukat Generali u kien direttament responsabbli ghas-sezzjoni fl-ufficcju tal-Avukat Generali.[9]

Illi b'Digriet tat-18 ta' Novembru 2014[10] din it-talba giet michuda.

Illi fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2014[11] ir-rikorrent *tramite* d-difensuri tieghu talab sabiex qabel ma jsiru s-sottomissjonijiet fir-rigward tat-talba ghall-helsien mill-

[8] Rikors a fol 58.
[9] Verbal a fol. 53.
[10] Esebit a fol 63 *et seq*.
[11] Esebit a fol.67

arrest, jigu prodotti xi provi konsistenti fi skambji ta' telefonati bejn Sandro Psaila, Raymond Caruana u l-ex Imhallef Raymond Pace sabiex il-Qorti tigi formalment edotta mill-fatti li wasslu ghall-ewwel aggravju.

Illi b'Digriet tal-5 ta' Dicembru 2014[12] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali cahdet it-talba ghall-produzzjoni tal-provi imsemmija *stante* nuqqas ta' rilevanza. Il-qorti ghamlet riferenza ghall-**artikolu 575 (1) tal-Kodici Kriminali** li jiddisponi li:-

***575.*** *(1)....il-qorti tista' tagħti ħelsien mill-arrest, biss jekk, wara li tikkunsidra iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, in-natura u l-gravità tar-reat, il-karattru, anteċedenti, assoċjazzjonijiet u rabtiet fil-kommunità tal-imputat, kif ukoll kull ħaġa oħra li tkun tidher li hi rilevanti, tkun sodisfatta illi ma hemmx perikolu illi l-imputat jekk* jiġi meħlus mill-arrest:-

*(a) jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija; jew*

*(b) jinħeba jew jitlaq minn Malta; jew*

*(ċ) ma josservax xi kondizzjoni li l-qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fid-digriet tagħha li bih jingħata l-ħelsien;jew*

*(d) jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'xi mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja l-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew xi persuna oħra;jew*

*(e) jikkommetti xi reat ieħor.*

Il-qorti ghalhekk ikkonkludiet hekk:

[12] Esebit a fol 93 *et.seq.*

"*Fil-kaz odjern ghandna sitwazzjoni ta' persuna li mhijiex aktar imputata izda li giet ikkundannata u qed tiskonta l-piena taghha. Dak kollu kontenut fl-artikolu 575(1) imsemmi xorta jittiehed bhala gwida dwar il-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti trid taghmel biex tiddetermina jekk l-appellant ghandux jinghata l-helsien mill-arrest f'dan l-istadju. Fost il-fatturi hemm imsemmija c-cirkostanzi kollha tal-kaz'.*" Il-Qorti kkonsidrat ic-cirkostanzi tad-diskussjoni soggett tal-komunikazzjonijiet telefonici bhala wahda biss mic-cirkostanzi tal-kaz li, izda, fil-fehma taghha, mhumiex rilevanti ghall-ezercizzju taghha.

Illi b'Digriet iehor tal-11 ta' Dicembru 2014[13] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali cahhdet it-talba ghall-helsien mill-arrest.

Illi fatti ohra li hargu mill-atti huma li fit-trattazzjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-5 ta' Dicembru 2014 gie dikjarat li Darren Desira sa dakinhar kien skonta erba'(4) snin habs[14]

Illi hu pacifiku li fis-17 ta' Dicembru 2001 meta giet ezercitata l-ewwel diskrezzjoni l-Onor. Prim' Imhallef Silvio Camilleri kien jokkupa l-kariga ta' Deputat Avukat Generali u meta harget l-Att tal-Akkuza kien jokkupa l-kariga ta' Avukat Generali.[15]

---

[13] Esebit a fol 95-97 tal-process.
[14] Fol 78 tal-process.
[15] Verbal tal-14 ta' April 2015.

## Provi Prodotti

Xehed **Neil Harrison**[16], li kien ufficjal investigattiv u prosekutur fil-kaz kontra Darren Desira. Xehed li ftit wara s-sentenza inghatat kontrih kien baghat ghalih l-ex Imhallef Ray Pace. Ix-xhud ma setax imur dikinhar u mbaghad cempillu fil-5 ta' Dicembru 2012 filghodu. L-ex Imhallef Pace qallu li kellu seduta u kif ilesti jcempillu u fil-kaz jmur ikellmu dikinhar. Fil-fatt cempillu tard filghodu fil-5 ta' Dicembru 2012 u x-xhud mar ikellmu fis-sigrieta tieghu. Waqt id-diskussjoni l-ex Imhallef irriferih ghal zewg sentenzi partikolari. Wahda ta ' (Jose Edgar) Pena[17] u qallu li kellhom jordnaw *retrial* dikinhar stess. Hu kien Superintendent meta Pena kien gie investigat imma ma kienx direttament involut fil-process. Ix-xhud fil-fatt qal li ma kienx normali li jiddiskuti kazijiet kriminali ma' l-Imhallfin wara li jkunu taw is-sentenza u iktar tard beda jithasseb.

Imbaghad l-ex Imhallef accenna ghall-kaz ta' Darren Desira u qallu kliem li ma kienx jiftakarhom ezatt imma kienu fis-sens li "*imnalla intervjena hu ghax is-sentenza kienet ser tkun baxxa."* Din il-konversazzjoni damet xi 10 minuti /kwarta. Ix-xhud spjega li ma ndunax bl-import ta' dawn il-kliem dak il-mument billi allaccjahom mal-kaz ta' Pena. Hu haseb li tkellmu l-Imhallfin bejniethom billi l-ex Imhallef Pace kien ipoggi fil-Qorti ta' l-Appell. Meta qallu li intervjena, fehmu li dan kien fuq il-kwistjoni tal-piena u *li*

[16] Seduta tal-14 ta' April 2015 (fol 101 *et.seq*).

[17] Din il-qoti hadet konjizzjoni gudizzjarja tal-fatt li fil-5 ta' Dicembru 2012 giet pronunzjata sentenza ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v Jose Edgar Pena** mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn l-ex Imhallef Pace ppresjeda bhala Agent Prim Imhallef.

*dak l-Imhallef li kien ser jaghti s-sentenza kien ser jaghtiha baxxa u hu intervjena u ta oghla. Hekk fhimt jiena. Jien interpretajt dak il-ftit kliem li qalli."*

Xehed li filghaxija cempillu l-ex Kummissarju John Rizzo u saqsieh dwar il-piena li nghatat lir-rikorrent. Qal li kien ser jintalahaq ftehim fuq xi 15-il sena prugunerija pero' d-difiza ma accettatx. Qal li mid-diskussjoni li kellu mal-Avukat mill-ufficcju tal-Avukat Generali li kien qed imexxi l-prosekuzzjoni bdew minn 18-il sena bhala proposta filwaqt li 15-il sena kienet ser tapplika f'kaz li l-akkuzat jammetti qabel isir il-guri. Qal izda li ma kienx involut direttament fid-diskussjonijiet mad-difiza imma biss mal-Avukat prosekutur. Madanakollu ikkonferma li ma wasslux fi patteggjament.

Xi jumejn wara li kien cempillu l-ex Kumissarju Rizzo, dan rega' cempillu u ordnalu jgib lill-Desira mill-Habs u jitilghu t-tnejn fl-ufficcju tieghu. L-ex Kummissarju l-ewwel kellem lix-xhud wahdu u spjegalu li kien ser ikellmu fuq sentenza li nghata ghaliex jista' jkun li kienet imbaghbsa.

Dan kien fil-11 ta' Dicembru 2012. Dahhal lir-rikorrent u l-ex Kummissarju mbaghad beda jaghmillu mistoqsijiet dwar is-sentenza. Prezenti ukoll kien hemm certu Joe Cachia. Dak iz-zmien ix-xhud kien lahaq il-grad ta' Assistent Kummissarju. Waqt il-konversazzjoni semmielu Imhallef, minghajr ma semma ismijiet, u dak il-hin ix-xhud qal li ftakar fil-konversazzjoni li kellu mal-ex Imhallef Pace tal-5 ta' Dicembru 2012. Issa li qalulu li dan seta' influwenza

sentenza pogga l-kliem li kien qallu l-ex Imhallef f'kuntest differenti u minn wara dahar Darren Desira, biex dan ma jisimghux, ghamel sinjal bil-fomm fejn indika (*mouthed)* l-isem ta' Raymond Pace u l-ex Kummissarju ghamillu sinjal fl-affermattiv b'rasu. Meta lesta minn mar-rikorrent, wara circa nofs siegha, ix-xhud baqa' lura u gharraf lill-ex Kummissarju Rizzo b' dak li kien gara fil-5 ta' Dicembru.

Rigward il-process fl-appell tar-rikorrent qal li dam xi siegha jixhed filghodu u l-kaz gie differit ghal xi t-tlieta ta' wara nofsinhar ghas-sentenza.

Xehed l-ex Kummissarju **John Rizzo**[18] u kkonferma li kien jokkupa l-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija fiz-zmien meta ttiehdu proceduri kontra l-ex Imhallef Raymond Pace, Sandro Psaila u Raymond Caruana u kien mexxa l-investigazzjoni. Dan kien ghall-habta ta' Novembru-Dicembru 2012. Kien gie nfurmat li seta' kien hemm allegazzjoni dwar sentenza li setghet b'xi mod kienet imbaghbsa. Din kienet is-sentenza ta' Darren Desira. Kien baghat ghalih u minn hemm beda l-investigazzjoni tieghu. Kellem ukoll lill Sandro Psaila u lil Raymond Caruana, illum mejjet. "*Dan kien irrizultalna fl-opinjoni tieghi li kien hemm biex inressqu l-Qorti kemm lil Caruana kif ukoll lil Psaila, li dawn kienu b'xi mod ghenu biex tigi influwenzata sentenza. Kontrarjament ghal li ahna imdorrijin, flok titnaqqas tizdied. Ir-raguni warajha kienet li l-ewwel kienu avvicinawh (lil Desira) biex jghinuh, ovvjament riedu xi flus...... u huma hassew li kellhom ipattuhielu b'dan il-mod billi juruh kemm*

[18] Seduta tat-23 ta' Gunju 2015 a fol 147 *et seq*.

*speci huma ghandhom poter...Barra li jista' jkun hemm xi kompetizzjoni ta' droga wkoll."* Qal li Desira kien irrifjuta l-assistenza, fis-sens li offrewlu li jnaqqsulu mis-sentenza biex ma jehilx wisq sentenza ta' habs.

Semma' l-involviment tal-ex Imhallef ma' Psaila u Caruana u n-natura tal-involviment u li ressqu lill-ex Imhallef ukoll ghax irrizultalhom li kien ipprova jinfluwenza s-sentenza billi kien avvicina lill-Imhallef Quintano proprju fi zmien meta kien qed jipprepara s-sentenza, ovvjament biex ikun jista' jzidlu s-sentenza. Ressqu lil Caruana u Psaila wkoll talli kienu xahhmu lill-ex Imhallef biex jinfluwenza fis-sentenza. Xehed li l-Imhallef Pace kien mar fizikament biex ikellem lill-Imhallef Quintano ghalkemm ma setax jiftakar jekk dan sehhx fis-sigrieta jew fl-Awla.

Xehed l-**Assistent Kummissarju Norbert Ciappara**[19] li bhala Superintendent kien involut f'parti mill-investigazzjoni tal-ex Imhallef Raymond Pace, Raymond Caruana u ta' Sandro Psaila. Xehed li l-ex Kummissarju John Rizzo kien sejjahlu flimkien mas-Superintendent Pawlu Vassallo u spjegalhom li kien hemm intercezzjonijiet telefonici fejn kien jinstema' Raymond Caruana u Sandro Psaila jiftehmu bejniethom u anke kien hemm telefonati mal-ex Imhallef Raymond Pace biex tigi jew irringata b'xi mod, is-sentenza ta' Darren Desira. Qal li l-ewwel telefonata tidher qisha kien hemm inklinazzjoni biex titnaqqas is-sentenza ta' Darren Desira. Ressquhom it-tlieta wara li rrizulta li kien hemm

[19] Seduta tat-23 ta' Gunju 2015 a fol 150 *et seq*.

avicinament car minn Caruana u Psaila lill-Imhallef Pace sabiex jassistihom biex toghla l-piena ta' Desira.

Tressaq l-ex Imhallef ghaliex mill-investigazzjoni rrizulta li dahal waqt li l-Imhallef Quintano kien qieghed jikteb is-sentenza u jidher li pprova jkellem lill-Imhallef fuq is-sentenza. Xehed izda li minn dak li xehed l-Imhallef Quintano fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, qal li keccieh il-barra, heles minnu u innega li tkellem fuq is-sentenza. Ix-xhud kien prezenti waqt ix-xhieda tal-Imhallef Quintano quddiem il-Qorti tal-Magstrati.[20] Dwar il-kliem li allegatament intqalu mill-ex Imhallef Pace lill-Mhallef Quintano qabel ma tkecca ' l barra, ix-xhud wiegeb:

"*Jidhirli li qallu jekk niftakar sew li 'dan il-kaz serju' xi haga hekk."*

Ikkonferma li kien hemm telefonata ohra bejn l-ex Imhallef Pace u Psaila wara li inghatat is-sentenza. Qal wahda mill-ahhar telefonat li sar bejn Pace u Psaila l-ex Imhallef jinstema' jghidlu "*qed tara? qed tara? qed tara?"*

Xehdet **Dr Daniela Bugeja Mangion**[21] li esebiet kopja tar-relazzjoni li esebiet fil-kumpilazzjonijiet kontra Raymond Pace, Raymond Caruana u Sandro Psaila (**DOK DBM**) fejn ittraskriviet xi konversazzjonijiet telefonici mehudin minn CD.

---

[20] It-traskrizzjoni ta' din ix-xhieda ma intalbitx ghall-fini ta' dawn il-proceduri.
[21] Seduta tat-12 ta' Novembru 2012 a fol 161 *et seq*.

**Traskrizzjonijiet Telefonici**

Illi l-Qorti fliet it-traskrizzjonijiet ghal dak li hu rilevanti ghall-kaz in ezami.

Il-Qorti tissenjala in partikolari l-kliem li sar malli hareg l-Imhallef Pace minn fejn l-Imhallef Lawrence Quintano fl-14.05:22[22] kienu "*Hawn hares naqra, dak li kelli naghmlu ghamiltu, issa f'idejh wara nofsinhar fhimt? Ehe. Aktar minn dan ma stajtx naghmel fhimt?Ma fhimtekx erga' ghidli. Aktar milli ghamilt ma nistax naghmel ghax inkella l-bniedem jiddejjaq, mhux hekk? U ija....U mela ma nahisbx li tajjeb jiena, imma s'hemm nista' nasal imbaghad fhimt? Orrajt....*

**U fl-istess gurnata fil-15:02:35 sar dan id-diskors mill-ex Imhallef Raymond Pace lil Psaila:[23]**

**"***Orrajt ma smajtx?*
*Tmintax, tmintax...Orrajt?*

**Konsiderazzjonijiet Preliminari**

Illi l-aggravji imressqa mir-rikorrent illum ghandhom bhala s-sottofond taghhom akkadut ta' stmerrija u ta' kundanna ta' kull min ihaddan il-principji tal-gustizzja u s-saltna tad-dritt.

[22] Telefonata numru 25, datata 27/11/2012 - 14.05.22
[23] Telefonata numru 26 datata 27/11/2012 - 15:02:35

Mill-provi prodotti, din il-Qorti hija konvinta li l-ex Imhallef Pace ttenta jkellem lill-Imhallef Quintano b'konnessjoni mal-piena li kellha tinghata` lil Desira, kif ukoll li kien hemm xi forma ta' kuntatt waqt li l-Imhallef Quintano kien qed jirredigi s-sentenza. Mill-istess provi, izda, ma tistax tikkonkludi x'diskors lahaq sar qabel ma tkecca 'l barra billi m'ghandhiex quddiema ix-xhieda tal-Imhallef Quintano. Minn dak li xehed l-Assistent Kummissarju Norbert Ciappara dawn il-kliem kienu fis-sens "*dan il-kaz serju' xi haga hekk."(fol 150 et seq).*

Tafferma izda, l-hsieb taghha li ma jirrizultax l-icken prova li l-ftit kliem li seta' lissen l-ex-Imhallef Pace influwenzaw anke minimament lill-Imhallef Quintano.

Imma t-tezi tar-rikorrent imur 'il hinn minn hekk. Hu jirreferi ghall-akkadut bhala "*realta' skwallida",* u ghalkemm din il-Qorti taghraf il-punt tal-intimat, li ma hemm xejn reali s'issa billi l-proceduri kontra Sandro Psaila ghadhom ma gewx konkluzi, il-fatt li sehh kuntatt bejn iz-zewg Imhallfin b'konnessjoni ma' decizjoni dwar il-piena li kellha tinghata minn wiehed minnhom hija, ghal din il-Qorti "*realta' skwallida"*.

Minn dak li ghandha quddiema huwa innegabbli li l-ex Imhallef Pace dahal hdejn l-Imhallef Quintano, kmieni wara nofsinhar meta l-kawza tar-rikorrent kienet differita ghas-sentenza, u waqt li din is-sentenza kienet qed tinkiteb. Il-konverzazzjonijiet telefonici ma jhallux dubbju li Pace dan

ghamlu bit-tir malizzjuz li jinfluwenza l-*quantum* tal-piena b'mod li din tigi aggravata.

Illi r-rikorrent jsostni li dawn il-fatti ghandhom iwasslu ghan-nullita' tas-sentenza fl-interezza taghha u proprju f'din tikkonsisti l-ewwel aggravju tieghu quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Din il-Qorti hija addetta f'fazi *ad interim* tal-appell u m'ghandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Temmen li jispetta lil dik il-Qorti li tiddetermina definittivament l-aggravji mertu tal-appell. Ghalhekk anke l-gudizzju taghha llum m'ghandhiex b'xi mod tikkostitwixxi pre-determinazzjoni tal-appell, partikolarment tal-ewwel aggravju.

Il-pretensjoni tar-rikorrent in dizamina llum tikkoncerna t-talba ghall-helsien mill-arrest *pendente lite*. Hu jippretendi li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha takkordalu l-helsien mill-arrest billi dak li sehh huwa gravi bizzejjed biex jigi kkonsidrat l-annullament tal-process kollu inkluz l-ammissjoni tieghu. Jghid li ghazel li jammetti ghaliex emmen fl-indipendenza u l-imparzjalita' tal-gudikant.

Ikkonsidrat li **l-artikolu 10 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, li jistipula l-guramenti ta' lealta u ta' kariga li jiehdu l-Imhallfin jaghmel riferenza specifika ghall-obbligu u responsabbilta' assunta minn kull gudikant li ma jikkkomunikax, direttament jew indirettament, *"ma' ebda waħda mill-partijiet f'kawża f'waħda jew oħra mill-qrati superjuri jew inferjuri, lanqas mal-avukati jew prokuraturi legali tagħhom, lanqas ma' ħaddieħor, fl-isem ta'waħda jew*

*oħra mill-partijiet, dwar kawża li tkun għad ma nqatgħatx, jew li tkun sejra tibda jew tissokta f 'waħda mill-qrati hawn fuq imsemmija, barra minn fil-qorti bil-miftuħ, ħlief fil-każijiet li l-liġi ssemmi espressament; u li jiena nxandar fil-qorti bil-miftuħ, dawk il-komunikazzjonijiet li jsiruli u ngħarraf bihom lill-President tar-Republika."*[24] (enfasi ta' din il-qorti).

Din id-dispozizzjoni legali qieghda hemm sabiex jigu zgurati l-integrita' u l-imparzjalita' fl-amministrazzjoni tal-gustizzja. Fil-kaz odjern il-komunikazzjoni ma gietx zvelata lill-partijiet u lid-difensuri taghhom. Jekk dan ghandu jwassal ghan-nullita' tal-procedimenti *o meno* hija mistoqsija li tistenna t-twegiba mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Madanakollu r-rikorrent jitlob li din il-qorti tikkonsidra li l-fatti partikolari ta' dan il-kaz tant huma eccezzjonali li kellhom tabilfors jiggustifikaw il-helsien mill-arrest tieghu. Dan ser jigi diskuss iktar il-quddiem.

**L-istadju tal-Proceduri pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali**

Illi fil-mori ta' dawn il-proceduri l-appell tar-rikorrent gie appuntat ghas-smigh fuq il-mertu.

Fl-14 ta' Mejju 2015 l-On. Prim' Imhallef Silvio Camilleri astjena  milli jkompli jisma' l-appell fit-termini tal-artikolu 734 tal- Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta "*stante li f'dan l-istadju irid jigi trattat il-mertu ta' l-appell, li fih qed jigu sollevati aggravji li jikkritikaw il-kondotta tal-Avukat Generali, jew*

[24] Ara wkoll Reg.20 tal-Kodici tal-Etika tal-Gudikanti.

*tas-sub-alterni meta fi zmien relevanti l-President tal-Qorti kien jokkupa din il-posizzjoni."*

Inoltre fuq talba tal-appellant li giet akkolta, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali awtorizzat li jigu esebiti kopja legali tal-atti processwali fl-ismijiet **Il-Pulizija kontra Sandro Psaila, il-Pulizija kontra Dr Raymond Pace u il-Pulizija kontra Raymond Caruana.**

Ghaldaqstant l-intimat jissottometti li **l-mertu ta' dawn il-proceduri huwa llum ezawrit.**[25]

L-intimat issottometta inoltre li r-rikorrent ma ttentax rikors ghall-helsien mill-arrest wara l-astensjoni tal-On. Prim' Imhallef u wara li gew esebiti t-traskrizzjonijet.

Dan kollu mhuwiex kontestat mir-rikorrent.

**It-Talba ma tirrigwardax *Pre Trial Detention***

Jigi senjalat li t-talba tar-rikorrent ghall-helsien mill-arrest tinkwadra ruha fl-artikou 5(1)(a) tal-Konvenzjoni kif ser jirrizulta aktar il-quddiem. Mhuwiex qed jinzamm *on remand* billi l-kundanna inghatat gja minn qorti ta' l-ewwel grad.

Isegwi li:

(i) M'ghadhiex tapplika ghalih il-presunzjoni tal-innocenza;

---

[25] Nota fol 208 para 12.

(ii) Iz-zmien li qed jiskonta l-habs qed jitnaqqaslu mill-piena.

**L-Ammissjoni**

Illi l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li r-rikorrent ammetta l-htija tieghu fil-konfront tal-akkuzi dedotti kontrih. L-amissjoni - l-hekk imsejha ammissjoni gudizzjarja - hija l-aqwa prova tal-htija tieghu.[26]

Ikkunsidrat wkoll il-fatt li r-reat ta' importazzjoni tad-droga u t-traffikar ta' l-istess, fil-kaz partikolari tenut kont il-kwantita' u l-purezza tad-droga kokaina, huwa reat ferm serju u gravi. Ir-rikorrent ma kienx xi vittma tad-droga izda l-partecipazzjoni tieghu kienet ghall-iskop ta' profitt u kien strumentali biex jitwasslu l-flus barra minn Malta ghall-kompletazzjoni tal-proggett kriminali.

Illi ghal dak li jirrigwarda d-disposizzjonijiet ta' ligi ordinarja, normalment meta akkuzat jammetti l-akkuzi dedotti kontrih fi stadju bikri tal-proceduri, qabel il-formazzjoni tal-guri, il-Qorti tiehu dan il-fatt in konsiderazzjoni ghal dik li hi mitigazzjoni fil-piena. Jigi rilevat, izda, li din mhix xi haga awtomatika fis-sens li mitigazzjoni fil-piena ghandha bilfors tinghata kull darba li hemm ammissjoni. Jekk tinghatax xi mitigazzjoni, jew kemm din ghandha tkun jekk il-Qorti tiddeciedi li timmitiga l-piena, din tibqa' dejjem fid-

[26] Il-Pulizija v Anthony sive Twanny Farrugia et - Qorti tal-Appell Kriminali (Inf.) - 23/6/1997 per Imh. V Degaetano.

diskrezzjoni tal-Qorti wara li hi tikkonsidra dak kollu li jidhrilha li hu rilevanti u l-fattispecie ta' kull kaz quddiema.

Illi mhuwiex suggerit li r-rikorrent ma kienx jifhem l-import tal-ammissjoni, jew li ma iddikjarax il-htija tieghu volontarjament u xjentement. Jirrizulta wkoll li inghata t-twissija skont il-Ligi.

Tajjeb hawn li ssir riferenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri** moghtija fl-20 ta' Jannar 1995 (Vol. LXXIX.v.1538):

*"Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza taghha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skont il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat. Aktar recentement, fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament ippresjeduta) tat-28 ta' April, 1993*

*fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Joseph Mohnani****, fejn il-kwistjoni kienet simili ghal dik odjerna, intqal li 'din il-Qorti ma tistax thares b'leggerezza ghal verbali ta' Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu prima facie sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball'. Dan qed jinghad biex hadd ma jifforma l-idea zbaljata li wiehed jista' l-ewwel jammetti quddiem il-Qorti Inferjuri u wara, fuq ripensament, jappella billi jallega li hu ammetta bi zball jew li ma kienx jaf ghal x'hiex qed jammetti."* Fil-kaz **Il-Pulizija v Rainer Grima** (App.Krim- 12.05.2004) il-Qorti tal-Appell Kriminali sabet li l-ammissjoni saret fuq zball genwin u annullat is-sentenza.

Illi rigward il-parametri tal-piena inflitta (18-il sena) meta dan hu paragunat mal-piena imposta fil-kaz ta' Borg u Sultana (13-il sena u 14-il sena rispettivament) gie ribadit li:

"*Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha tal-24 ta' Frar, 1997 fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi****, u dan b'referenza ghall-prassi fil-Qrati Inglizi. F'dik is-sentenza kienet saret referenza ghal bran mill-edizzjoni tal-1991 ta'* ***Blackstone's Criminal Practice*** *(Blackstone Press Limited). Din il-Qorti ser tirriproduci l-bran relevanti mill-edizzjoni tal-2001 ta' dan il-manwal, u dan peress li hija taqbel mal-principji espressi f'dana l-bran u qed taghmilhom taghha:*

'*Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate 'discount' has never been fixed. In* ***Buffery*** *(1992) 14Cr. App. R. (S) 511 Lord Taylor CJ indicated that 'something in the order of one-third would very often be an appropriate discount', but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (5) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347) and/or given significant help to the authorities (Guy [1992] 2 Cr. App. R. (5) 24). Where an offender has been caught red-handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris (1988) 10 Cr. App. R. (5) 216; Landy (1995) 16 Cr. App. R. (S) 908). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington (1985) 82 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (5)199). Similarly, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams (1990) 12 Cr. App. R. (5) 415. The*

*leading case in this area is Costen (1989) 11 Cr. App. R. (5) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount might be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defense, and (iii) where the offender had been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain. It was also established in Costen that the discount may be reduced where the accused pleads guilty to specimen counts. In Byrne [1997] 1 Cr. App. R. (5) 165 it was held that an offender who had absconded and remained at large for 19 months was not entitled to expect a discount for his guilty plea when he pleaded guilty after being re-arrested."* (**Il-Pulizija v Joseph Scerri** - Qorti tal-Appell Kriminali, 12.05.2004).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-aspett kostituzzjonali ta' dan il-kaz, ir-rikorrent Darren Desira jallega li ma kienx jaghzel li jammetti li kieku kien mgharraf li l-Imhallef fil-kaz tieghu kien gie mitkellem. Ikkonsidrat li kwalsiasi diskors li seta' sar bejn Pace u l-Imhallef Quintano sar <u>wara</u> l-ammissjoni, cioe', wara li l-akkuzat refa' ir-responsabbilita' tieghu ghar-reati kommessi. Tifhem li meta wiehed jammetti, aparti li qed jiddikjara l-htija tieghu, "*he throws himself at the mercy of the Court."* L-aspettattiva legittima tieghu hija li l-Qorti ser taggudikah indipendentement u mparzjalment fil-formulazzjoni ta' kundanna gusta fic-cirkostanzi.

Izda fil-kaz odjern l-akkuzat u d-difensuri tieghu ma inghatawx l-opportunita' li jirreagixxu ghal dak li ttenta' jaghmel l-ex-Imhallef Pace. Tenut kont l-eccezzjonalita' ta' dak li sehh imissu inghata din il-possibilita'.

Ghalhekk minnkejja l-insistenza tal-intimat li l-ammissjoni hija htija, din il-Qorti xorta ser tghaddi biex tezamina l-aggravi sollevati quddiema.

**Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea**

**Konsiderazzjoni ta' Dritt**

**L-Artiklu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta**) jiddisponi:

*(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:*

*(a) id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna wara li tinsab ħatja*[27] *minn qorti kompetenti;*

*(b) - (f) - omissis*

*Dan* l-artikolu, kif imfisser mill-Qorti Ewropea:

[27]t-test Ingliz jghid "*after conviction."*

*"enshrines a fundamental human right, namely the protection of the individual against arbitrary interference by the State with his or her right to liberty. The text of Article 5 makes it clear that the guarantees it contains apply to "everyone" (see* ***Nada v. Switzerland*** *[GC], no. 10593/08, § 224, ECHR 2012). Sub-paragraphs (a) to (f) of Article 5 § 1 contain an exhaustive list of permissible grounds on which persons may be deprived of their liberty and no deprivation of liberty will be lawful unless it falls within one of those grounds (see Saadi v. the United Kingdom [GC], no. 13229/03, § 43, ECHR 2008)."*

Illi l-principji generali applikabbli gew spjegati fil-kaz **Mckay v the United Kingdom**[28]:

*"Article 5 of the Convention is, together with Articles 2, 3 and 4, in the first rank of the fundamental rights that protect the physical security of an individual (see, for example, its link with Articles 2 and 3 in disappearance cases such as* ***Kurt v. Turkey****, 25 May 1998, § 123, Reports of Judgments and Decisions 1998-III) and as such its importance is paramount. Its key purpose is to prevent arbitrary or unjustified deprivations of liberty (see, for example,* ***Lukanov v. Bulgaria,*** *20 March 1997, § 41, Reports 1997-II;* ***Assanidze v. Georgia*** *[GC], no. 71503/01, § 171, ECHR 2004-II; and* ***Ilaşcu and Others v. Moldova and Russia*** *[GC], no. 48787/99, § 461, ECHR 2004-VII). Three strands in particular may be identified as running through the Court's case-law: the exhaustive*

[28] Grand Chamber - 3.10.2006 App.Nru. 543/03, para30;

*nature of the exceptions, which must be interpreted strictly (see* ***Ciulla v. Italy****, 22 February 1989, § 41, Series A no. 148) and which do not allow for the broad range of justifications under other provisions (Articles 8-11 of the Convention in particular); the repeated emphasis on the lawfulness of the detention, procedurally and substantively, requiring scrupulous adherence to the rule* of law (see ***Winterwerp v. the Netherlands*****,** 24 October 1979, § 39, Series A no. 33); and the importance of the promptness or speediness of the requisite judicial controls (under Article 5 §§ 3 and 4)."

Illi skont l-awturi **Harris, O'Boyle & Warwick**[29] :

*"The overarching principles (of art.5) can be summarized as follows:*

*(i) The detention has a basis, and is in conformity with the applicable domestic law; and*
*(ii) domestic law satisfies Convention standards as to the 'quality of the law' (it is sufficiently ascertainable and certain); and*
*(iii) the application of that domestic law is in conformity with the general principles of the Convention: the detention must properly be for one of the grounds covered by Article 5(1)(a)-(f) as interpreted by the Court*[30] *and the individual must be protected from arbitrariness."*

[29] *Law of the European Convention on Human Rights* (3rd Ed. pp 301)
[30] Referenza ghall-Qorti Ewropea

Illi t-tifsira ta' *conviction,* ossia is-*sejba ta' htija* ghall-finijiet tal-artikolu 5(1)(a) giet konsiderata mill-ECtHR fil-kaz **Wemhoff v Germany**[31]

**"**9. *One consideration has appeared to it as decisive, namely that a person convicted at first instance, whether or not he has been detained up to this moment, is in the position provided for by Article 5 (1) (a) (art. 5-1-a) which authorises deprivation of liberty "after conviction". This last phrase cannot be interpreted as being restricted to the case of a final conviction, for this would exclude the arrest at the hearing of convicted persons who appeared for trial while still at liberty, whatever remedies are still open to them. Now, such a practice is frequently followed in many Contracting States and it cannot be believed that they intended to renounce it. It cannot be overlooked moreover that the guilt of a person who is detained during the appeal or review proceedings, has been established in the course of a trial conducted in accordance with the requirements of Article 6 (art. 6). It is immaterial, in this respect, whether detention after conviction took place on the basis of the judgment or - as in the Federal Republic of Germany - by reason of a special decision confirming the order of detention on remand. A person who has cause to complain of the continuation of his detention after conviction because of delay in determining his appeal, cannot avail himself of Article 5 (3) (art. 5-3) but could possibly allege a disregard of the "reasonable time" provided for by Article 6 (1) (art. 6-1)."*

[31] App.Nru *2122/64)* -Dec.27.06.1968

Similment fil-kaz **Benham v UK**[32] gie ribadit mill-ECtHr li:

*"42. A period of detention will in principle be lawful if it is carried out pursuant to a court order. A subsequent finding that the court erred under domestic law in making the order will not necessarily retrospectively affect the validity of the intervening period of detention. For this reason, the Strasbourg organs have consistently refused to uphold applications from persons convicted of criminal offences who complain that their convictions or sentences were found by the appellate courts to have been based on errors of fact or law (see the* ***Bozano v. France*** *judgment of 18 December 1986, Series A no. 111, p. 23, para. 55, and the report of the Commission of 9 March 1978 on application no. 7629/76, Krzycki v. Germany, Decisions and Reports 13, pp. 60-61)."*

Kif jghidu l-awturi **Jacobs, White and Ovey** [33]

"*It is the detention which must be lawful not the conviction."*

Illi minn dan kollu jirrizulta li d-detenzjoni tar-rikorrent pendenti s-smigh tal-appell tieghu mhuwiex ekwivalenti ghal dak dispost fl-artikolu (5)(1)(c) cioe' detenzjoni sabiex jigi miġjub quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li jkun ikkommetta reat altrimenti jkollu d-dritt ghall-helsien mill-arrest skont l-artikolu 5(1)(c) tal-

[32] App.Nru. *19380/92)*- 10.06.1996.

[33] *The European Convention on Human Rights* (6th ed.) p.229

Konvenzjoni.

Dan is-subinciz jiddisponi:

*"(3) Kull min ikun arrestat jew detenut skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) (ċ) ta' dan l-Artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għal proċeduri fi żmien raġonevoli jew għal ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kundizzjoni ta' garanziji biex jidher għall-proċeduri."*

Dan is-subinciz jirreferi ghall-*pre-trial detention* meta l-imputat ghadu taht sospett li kkommetta reat li mhux il-kaz odjern. Dak li qed jimpunja r-rikorrent huwa l-legalita' tal-process tieghu u per konsegwenza, l-legalita' tal-kundanna. Skont it-tezi tieghu, dak li sehh kien tant gravi li jiggustifika almenu l-helsien tieghu mill-arrest pendenti l-ezami tal-appell mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Inoltre l-artikolu 5 (4) jiddisponi :*"Kull min ikun ipprivat mil-libertà tiegħu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalità tad-detenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn qorti u l-libertà tiegħu tiġi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skont il-liġi."*

Illi dan premess il-Qorti ser tindirizza l-lanjanzi sollevati.

***I. Id-diskrepanzi legali li japplikaw ghall-helsien mill-arrest wara appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-***

***Magstrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali u dawk applikabbli minn sentenzi tal-Qorti Kriminali, partikolarment stante li, fil-kaz odjern, tali diskrepanza hija konsegwenza diretta ta' decizjoni mehuda mill-Avukat Generali.***

Illi r-rikorrent gie processat quddiem il-Qorti Kriminali minnflok quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'applikazzjoni tad-diskrezzjoni moghtija mill-Avukat Generali *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Konsegwenza ta' dan hija li hemm diskrepanza fil-ligijiet li japplikaw ghall-helsien mill-arrest wara appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali u dawk applikabbli ghall-appelli minn sentenzi tal-Qorti Kriminali.

L-artikolu **416(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi:**

***416.*** *(1) Il-persuna misjuba ħatja li ma tkunx taħt arrest għar-reat li tiegħu tkun ġiet misjuba ħatja tista', meta tiddikjara, imqar bil-fomm, li trid tappella mis-sentenza, taqla' mill-qorti inferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza, kemm-il darba tagħti garanzija tajba, skont l-artikolu 577(1), li tidher għal kull att tal-kawża quddiem il-qorti superjuri kull darba li tiġi msejħa minn dik il-qorti; u f'dan il-każ igħoddu d-disposizzjonijiet tal-artikoli 579,581, 583, 585, 586 u 587."* Skont is-subinciz 1A tal-istess artikolu, meta qabel il-kundanna, dik il-persuna kienet

tgawdi l-helsien mill-arrest, il-kundizzjonijiet relattivi ghal dak il-helsien mill-arrest ghandhom jibqghu japplikaw.

Ir-rikorrent jissottometti li ma jezistu ebda dispozizzjonijiet analogi f'kaz ta' sejbien ta' htija mill-Qorti Kriminali. Ir-rikorrent kien qed igawdi mill-helsien mill-arrest meta gie kkundannat quddiem il-Qorti Kriminali u d-detenzjoni tieghu llum hija unikament dovuta ghad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali.

Ikkonsidrat li l-Qorti tal-Appell hadet konjizzjoni tar-rikors ghall-helsien mill-arrest u tat decizjoni motivata fit-termini tal-**artikolu 575(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi jingħad ukoll li bl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni mogħtija lilu, l-Avukat Ġenerali ma jkunx qiegħed b'xi mod jagħti xi deċiżjoni fuq il-mertu tal-akkużi. Dan peress li l-Avukat Ġenerali m'għandu l-ebda setgħa jew kontroll fuq jekk akkużat jinstabx ħati jew le u dana billi tali deċiżjoni tittieħed biss mill-qrati; xorta jeħtieġ li jigi ppruvat il-ħtija fl-akkużat u fl-aħħar mill-aħħar il-kelma aħħarija dwar il-grad u l-kwantum tal-piena hija mħollija assolutament fid-diskrezzjoni tal-qrati kriminali.

Illi ghal dak li jirigwarda l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali fil-qafas tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta,fil-kaz **John Camilleri v Malta,** il-Qorti Ewropea ddecidiet li l-**artikolu 120A(2) tal-Kap 31,** li huwa redatt f'termini simili ghall-artiklu in ezami, kien leziv tal-**artiklu 7 tal-Konvenzjoni** billi "*it failed to satisfy the foreseeability*

*requirement and provide effective safeguards against arbitrary punishment as provided in* ***Article 7".***[34] Gjaladarba sabet tali vjolazzjoni, il-Qorti Ewropea ma komplietx tikkonsidra l-allegat lezjoni tal-artiklu 6.

L-artiklu gie ammendat bl-**Att. XXIV tas-sena 2014**,[35] u cioe`, sussgwentement ghas-sentenza definittiva moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz tar-rikorrent. Ghaldaqstant ma kellux l-opportunita' li jutilizza r-rimedji moghtija b'dawn l-ammendi li kienu fis-sens li sabiex tingħata direzzjoni skont is-subartikolu(2), l-Avukat Ġenerali għandu debitament jikkunsidra l**-linji gwida** inklużi fir-Raba' Skeda ta' din l-Ordinanza. Ukoll b'effett ta' dawn l-ammendi, fejn persuna qed jistenna li jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali taht ordni moghtija bl-artiklu 22(2), huwa jista' jitlob lill-istess Qorti Kriminali sabiex jigi ggudikat quddiem il-Qorti tal-Magistrati b'talba maghmula sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2015.[36]

Ikkonsidrat li r-rikorrent li jinsab detenut pendenti l-appell tieghu unikament minhabba l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali fuq riferita, altrimenti kien jibqa' igawdi l-helsien mill-arrest bl-istess kondizzjonijiet applikabbli sakemm inghatat s-sentenza f'Novembru 27 2012.

Illi fid-dawl tas-sentenza tal-ECtHR fil-kaz **Camilleri v Malta,** li giet segwita u applikata mill-Qrati taghna sakemm

[34] Din is-sentenza saret finali fis-27 ta' Mejju 2013.
[35] Klawsola 88.
[36]Din id-data hija estensjoni fuq id-data originali, introdotta b'ammenda bl-Att VIII.2015.41

sahansitra gew introdotti emmendi bl-ATT XXIV tas-sena 2014, jirrizulta li l-ezercizzju tad-diskrezzjoni imsemmija fiha nnifisha ma tghaddix mit-test ta' certezza u prevedibilita' rikjesta anke mill-artikolu 5 tal-Konvenzjoni.[37]

Il-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Medvedyev v**[38] irriteniet **:**

*"80. The Court stresses that where deprivation of liberty is concerned it is particularly important that the general principle of legal certainty be satisfied. It is therefore essential that the conditions for deprivation of liberty under domestic and/or international law be clearly defined and that the law itself be foreseeable in its application, so that it meets the standard of "lawfulness" set by the Convention, a standard which requires that all law be sufficiently precise to avoid all risk of arbitrariness and to allow the citizen – if need be, with appropriate advice – <u>to foresee, to a degree that is reasonable in the circumstances of the case, the consequences which a given action may entail</u> (see, among other authorities, **Amuur,** cited above; **Steel and Others v. the United Kingdom**, 23 September 1998, § 54, Reports 1998-VII; **Baranowski v. Poland**, no. 28358/95, §§ 50-52, ECHR 2000-III; and Jėčius v. Lithuania, no. 34578/97, § 56, ECHR 2000-IX**)**."*

---

[37] Ara l-gurisprudenza citata fil-kazijiet **Joseph Lebrun** v **Avukat Ġenerali** (84/2013) u **Martin Dimech v. Avukat Ġenerali** (61/2013) – 21 ta' Frar 2014; "- **Repubblika ta' Malta v. Matthew Zarb** (73/13 ) – 7 ta' Marzu 2014; "- **Republic of Malta v. Ndubisi Ndah Patrick** (53/13) – 8 ta' Mejju 2014; **"- Repubblika ta' Malta v. Josè Edgar Pena** (66/13J) – 23 ta' Lulju 2014.
[38] Grand Chamber - App. Nru. 3394/03 - 29 ta' Mejju 2010.

Il-Qorti Ewropea fil-kaz citat ta' **Camilleri v Malta** ikkonsidrat li:

*"43. While it may well be true that the Attorney General gave weight to a number of criteria before taking his decision, it is also true that any such criteria were not specified in any legislative text or made the subject of judicial clarification over the years. <u>The law did not provide for any guidance on what would amount to a more serious offence or a less serious one (based on enumerated factors and criteria).</u>[39] The Constitutional Court noted that there existed no guidelines which would aid the Attorney General in taking such a decision. Thus, the law did not determine with any degree of precision the circumstances in which a particular punishment bracket applied. An insoluble problem was posed by fixing different minimum penalties. The Attorney General had in <u>effect an unfettered discretion</u> to decide which minimum penalty would be applicable with respect to the same offence. The decision was inevitably subjective and left room for arbitrariness, particularly given the lack of procedural safeguards."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Huwa minnu li l-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-kaz ta' **Daniel Alexander Holmes v Avukat Generali et** (dec. fis-16 ta' Marzu 2015) innotat li din il-konsiderazzjoni wkoll trid tigi applikata fil-kaz konkret:

[39] Dan imbaghad gie indirizzat u rettifikat bl-emendi introdotti fis-sena 2014.

*"21. Fil-verità iżda – għax il-liġi trid titħaddem fil-każ konkret u mhux fl-astratt – seta' jew ma setax jobsor l-attur illi l-gravità tar-reat minnu mwettaq la kienet żgħira u lanqas borderline, b'mod illi jekk jinqabad x'aktarx illi jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali?"* u kkonkludiet li l-element ta' prevedibilita' ma kienx nieqes:

"*Ma setax realistikament jistenna illi r-reat tiegħu ma jitqiesx gravi biżżejjed biex jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali, kif fil-fatt ġara. L-element ta' prevedibilità wkoll tal-punishment bracket, biex jitħares dak illi ġie interpretat li jrid l-art. 7 ta' Konvenzjoni, għalhekk ma kienx nieqes."*

Fil-kaz odjern, a differenza tal-kazi citati, r-rikorrent <u>ammetta</u> l-htija tieghu. Il-kwistjoni ta' certezza legali giet sorvolata billi meta ammetta kien jaf jew kien missu jaf bil-kosegwenzi kollha tal-ammissjoni tieghu, inkluz li kien ser jirrinfaccja sentenza fuq reati li jgibu maghhom pieni li jezorbitaw mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Kien jaf sew li l-kundanna tieghu kienet ser ggib piena karcerarja li jibda jiskontaha minnufih minghar jedd ta' appell.

Ghalhekk il-Qorti ma ssibx lezjoni tal-artikolu 5 in kwantu li d-detenzjoni tieghu kienet konsegwenza tal-ammissjoni tieghu stess.

II. ***In-nuqqas tal-Onor. Prim' Imhallef Silvio Camilleri li jirrikuza ruhu fil-proceduri ghall-helsien mill-arrest istitwiti mir-rikorrent.***

Ikkonsidrat li din it-talba hija indirizzata ghar-rikors ghall-helsien mill-arrest *pendente lite.* Ir-rikorrent jorbot din il-lanzjanza mal-ufficcju li kien jokkupa l-Prim' Imhallef bhala Agent Avukat Generali, fiz-zmien li tressaq quddiem il-Qorti Kriminali, u bhala Avukat Generali meta nhareg l-Att tal-Akkuza.

Illi din il-Qorti taqbel mal-intimat li l-mertu hu ezawrit billi l-On. Prim' Imhallef astjena mill-proceduri fil-mertu u ma hemm xejn li jzomm lir-rikorrent milli jerga' jaghmel talba quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kif illum kostitwita. Fl-ahhar mill-ahhar il-proceduri quddiem din il-Qorti huma eccezzjonali u fejn hemm lok ghar-rikors ghall-Qrati ordinarji, r-rikorrent ghandu l-ewwel u qabel kollox jezawrixxi tali rimedji. Fil-kaz odjern ma jkunx pregudikat u ir-rimedju huwa wiehed effettiv.

Illi aparti din il-konsiderazzjoni l-Qorti tagħraf li jista’ jkun hemm ċirkostanzi fejn, minkejja li raġuni għall-astensjoni jew ir-rikuża ta’ ġudikant ma tkunx taqa’ taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, jista’ jkun hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex il-ġudikant li jkun ma jibqax jisma’ kawża u dan biex jitħares tabilħaqq il-jedd ta’ smigħ xieraq ta’ xi waħda mill-partijiet fil-kawża li jkun hemm quddiema.

Ikkonsidrat li t-talba ghar-rikuza giet michuda wara li l-Qorti kkonsidrat li "*Fil-kaz in dizamina, id-decizjoni dwar jekk ir-rikorrent jinghatax il-helsien mill-arrest f'dan l-istadju tal-proceduri u qabel ma jsiru sottomissjonijiet dwar l-appell*

*ma hi ser tincidi bl-ebda mod fuq il-mertu ta' l-appell, ghaldaqstant kwalunkwe dubbju li r-rikorrent jista' jkollu dwar l-imparzjalita' ta' l-Onorevoli Prim' Imhallef la huwa oggettivament gustifikat u lanqas ma huwa legittimu"* Il-Qorti enfasizzat li "*Ghall-motivi premessi, tichad it-talba tar-rikorrent ghar-rikuza ta' l-Onor. Prim'Imhallef in kwantu jirrigwarda l-konsiderazzjoni tar-rikorsipprezentat mir-rikorrent Darren Charles Desira fil-21 ta' Ottubru 2014 ghall-helsien mill-arrest"*.

Illi fil-kaz ta’ **“Piersack v Belgium”** (1 ta’ Ottubru 1982) il-Qorti Ewropea sabet li kien hemm vjolazzjoni tal-**artikolu 6 (1)** peress li l-Imhallef li kien qed jisma’ kawza kriminali qabel kien il-kap tas-servizz tal-prosekuzzjoni li kienet responsabbli ghall-prosekuzzjoni tal-akkuzat. Il-Qorti Ewropea fir-rigward ta’ tribunal indipendenti qalet li l-Imhallef ghandu jkollu garanziji estensivi biex jissalvagwardjawh minn pressjonijiet esterni. Hija kompliet hekk:-

*“Whilst impartiality denotes absence of prejudice or bias, its existence or otherwise can, notably under Article 6 par.1 of the Convention, be tested in various ways. A distinction can be drawn in this context between a subjective approach, that is endeavouring to ascertain the personal conviction of a given judge in a given case, and an objective approach, that is determining whether he offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect.”*

lli f'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla. B'mod partikolari ingħad li "*il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jieħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skont il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalita' li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat*". It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita', anke kif mifhum mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli". **(Rosette Thake noe et v L-On. Prim' Ministru et** (PA(Kost.) dec - 4 ta' Awwissu 2016).

Illi inoltre l-Qorti tissenjala li ma jirrizulta minn imkien li kien hemm xi pregudizzju jew *bias* da parti tal-On. Prim' Imhallef fit-trattazzjoni u fil-motivazzjonijiet tad-Digriet ikontestat. Ghalhekk it-tezi tar-rikorrent ifalli mit-test soggettiv.

Illi ghal dak li jirrigwarda t-test oggettiv, il-Prim' Imhallef ma kienx ghadu jokkupa l-kariga ta' Avukat Generali meta beda jinstema' l-kaz tar-rikorrent quddiem l-Qorti Kriminali. It-talba li kellu jikkonsidra kienet ghall-helsien mill-arrest *pendente lite* mhux il-mertu tal-appell fih innifsu fejn allura jidhlu konsiderazzjonijiet dwar it-tmexxija tal-kaz. Innotat li

it-talba giet ikkonsidrata b'riferenza ghall-kriterji elenkati fl-**artikolu 575(1) u 510(2) tal-Kap 9.** li japplika l**-artikolu 446(8) tal-istess Kap 9** fejn il-Ligi stess tipprovdi li Imhallef huwa kompetenti biex joħroġ u jiffirma ċitazzjonijiet jew mandati, u biex jagħti digriet jew provvedimenti li jkunu meħtieġa, sew qabel il-qari tal-att tal-akkuża kemm wara li tingħata s-sentenza.

Illi huwa minnu li din il-lanjanza qed titressaq fl-ambitu tal-artikolu 5 u mhux l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni in kwantu r-rikorrent isostni li hemm rabta diretta bejn l-ghazla li ezercita l-Prim' Imhallef *qua* Agent Avukat Generali li jressqu quddiem il-Qorti Kriminali u l-possibilita' li jgawdi mill-helsien mill-arrest wara sentenza minn dik il-Qorti.

Illi izda l-Qorti ssib li dan mhuwiex bizzejjed biex jirnexxi fit-talba odjerna. L-ghazla tal-Avukat Generali ma jinfluwixxix fuq is-sejbien ta' htija u wisq inqas fuq l-ghazla moghtija lill-akkuzat li jammetti t-talbiet, u b'hekk jammetti l-htija. Difatti l-Prim Imhallef ma skartax it-talba minnufih bhala irritwali imma ghadda biex jikkonsidraha dettaljatament. Id-decizjoni tieghu ma kenietx bl-ebda mod marbuta mar-rwol tieghu fil-fazi inizjali tal-proceduri u b'hekk ma jirrizultax xi pregudizzju ghar-rikorrent specjalment tenut kont is-sottofond kollu partikolari ta' dan il-kaz.

**Din il-qorti ghalhekk tikkonkludi li ma jirrizultax li c-cahda tat-talba ghar-rikuza hija lesiva tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni ghar-ragunijiet li tqies li l-mertu tat-talba**

**hija ezawrita u, f'kull kaz, ma jirrizultax tali ksur minn ezami tal-fatti kollha tal-kaz.**

***III. Id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-5 ta' Dicembru 2014 fejn it-talba tieghu sabiex jipproduci provi in sostenn tat-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest giet michuda u d-decizjoni tal-11 ta' Dicembru 2014 fejn it-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest giet michuda.***

Illi ghal dak li jirrigwarda d-digriet tal-5 ta' Dicembru 2014 fil-mori gew ammessi l-atti tal-proceduri kriminali kontra Sandro Psaila, l-ex Imhallef Pace u Raymond Caruana.

Illi tinnota li l-Avukat Generali ukoll issolleva l-eccezzjoni li din it-talba hija llum ezawrita billi t-traskrizzjonijiet telefonici huma inseriti fl-atti tal-Appell u jekk ir-rikorrent jerga' jressaq talba ghall-helsien mill-arrest, dawn ghandhom jigu kkonsiderati.

Il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni u tqies li l-mertu hu ezawrit in kwantu r-rikorrent ghandu rimedju effikaci ordinarja a disposizzjoni tieghu konsistenti fil-prezentazzjoni ta' rikors gdid ghall-helsien mill-arrest.

Illi ghal dak li jirrigwarda d-digriet tac-cahda tat-talba ghall-helsien mill-arrest, tibda biex tosserva li minkejja s-sottomissjoni tar-rikorrent li mhix il-prassi li ma jinghatax il-helsien mill-arrest wara sentenza tal-Qorti Kriminali, fil-kaz odjern effettivament il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonsidrat

bir-reqqa t-talba tieghu. Il-qorti kkonsidrat li dak li d-difiza sejhet *diskussjoni illecita* bejn l-Imhallef sedenti fil-Qorti Kriminali u Imhallef iehor (illum decedut) hija biss *wahda mic-cirkostanzi li tinsab quddiema fil-konsiderazzjonijiet li trid taghmel biex tiddetermina tali rikors.*

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kkonsidrat ic-cirkostanzi tal-kaz, l-atti tal-kawza rilevanti ghat-talba, qieset in-natura tad-delitti dedotti kontra r-rikorrent, il-piena massima (ghomor habs) applikabbli li kienet qed tintalab mill-Avukat Generali, u li skont il-ligi l-akkuzat huwa persuna kkundannata li qed tiskonta piena imposta mill-ewwel qorti ghad-delitti li taghhom instab hati wara l-ammissjoni tieghu, u l-fedina penali aggornata tieghu u kkonkludiet li "*peress li mhijiex konvinta li r-rikorrent jaghti affidament necessarju li joqghod ghall-kundizzjonijiet kollha li din il-qorti tista' timponi.Tichad it-talba."*

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti din id-decizjoni tikkonformi pjenament mal-principji applikabbli meta ssir talba ghall-helsien mill-arrest fil-*pretrial stage,* meta allura l-imputat ghadu mhuwiex meqjus hati, *multo magis* fejn hemm sejbien ta' htija, jew kundanna fuq  ammissjoni.

Illi izda, r-rikorrent qed jistieden lil din il-Qorti biex tikkonsidra d-detenzjoni tieghu bhala wahda illegali minhabba c-cirkostanzi partikolari u eccezzjonali ta' dan il-kaz.

Ikkonsidrat li l-fatt wahdu li sar xi kliem mill-ex-Imhallef Pace lill-Imhallef Quintano waqt ir-redazzjoni tas-sentenza, bil-mira specifika li l-istess Imhallef Quintano jigi influwenzat, minkejja li ma jirrizultax, u din il-Qorti lanqas ghandha l-icken dubbju dwar l-integrita' tal-Imhallef Quintano u dwar li l-istess Imhallef Quintano ma halliex lilu nnifsu jigi influwenzat, huwa fattur li jimmilita oggettivament kontra smigh imparzjali u kontra l-integrita' tal-process kriminali li ghadda minnu r-rikorrent - *justice must not only be done but must also be seen to be done.*

Ikkonsidrat izda li mill-gurisprudenza citata fl-applikazzjoni tal-**artikolu 5(1)(a)** jirrizulta car li dan is-subinciz ma jaghtix garanzija ghall-helsien mill-arrest pendenti proceduri ta' appell. Inoltre lanqas hu rikonoxxut mill-Qorti Ewropea li zball fis-sentenza necessarjament jfisser li d-detenzjoni konsegwenzjali kienet wahda illegali.

Hija konsapevoli li l-kaz odjern ma jikkoncernax ir-revizjoni ta' sentenza *stante* zball ta' fatt jew ta' ligi. Jikkoncerna fatti li intrinsikament jimmilitaw kontra il-process trasparenti ta' bniedem akkuzat b'reati serji u li ma inghatax l-opportunita' li jghid tieghu dwar dak attentat mill-ex Imhallef Pace. L-ezistenza ta' kuntatt mal-Imhallef sedenti, inizjat mill-ex Imhallef Pace b'intenzjoni li ma setghet tkun xejn hlief wahda malizzjuza u li ma giex svelat, tant huwa fattur *sui generis* u eccezzjonali li, fil-fehma ta' din il-Qorti, jimmeritaw li l-protezzjoni tal-Konvenzjoni tigi estiza ghar-rikorrent anke minkejja li ghad ma hemmx determinazzjoni finali fuq l-appell tar-rikorrent. Izda sabiex dan il-hsieb

jirnexxi jenhtieg ukoll li din il-Qorti tezamina d-digrieti mill-aspett ta' arbitrarjeta'.

Jirrizulta mill-gurisprudenza ccitata li l-Qorti Ewropea ikkonsidrat li l-konformita' mal-ligijiet tal-pajjiz mhuwiex bizzejjed biex irendi d-detenzjoni legali imma huwa necessarju li d-detenzjoni m'ghandhiex tkun wahda arbitrarja.

Hekk fil-kaz **Kakabadze and others v Georgia**[40], l-ewwel gie enuncjat il-principju generali u cioe`:

*"1. The Court reiterates that any deprivation of liberty must, in addition to falling within one of the exceptions set out in sub-paragraphs (a)-(f) of Article 5 § 1 of the Convention (see* ***Assanidze v. Georgia*** *[GC], no. 71503/01, § 170, ECHR 2004-II), be "lawful". Where the "lawfulness" of detention is in issue, the Convention refers essentially to national law and lays down the obligation to conform to the substantive and procedural rules of national law (see* ***Saadi v. the United Kingdom*** *[GC], no. 13229/03, § 67, 29 January 2008). This primarily requires any arrest or detention to have a legal basis in domestic law but also relates to the quality of the law, requiring it to be compatible with the rule of law, a concept inherent in all the Articles of the Convention (see* ***Stafford v. the United Kingdom*** *[GC], no. 46295/99, § 63, ECHR 2002-IV, and* ***Kafkaris v. Cyprus*** *[GC], no. 21906/04, §*

---

[40] App.Nru. 1484/07- 2.10.2012

*116, ECHR 2008). "Quality of law" in this sense implies that where a national law authorizes deprivation of liberty it must be sufficiently accessible, precise and foreseeable in its application, in order to avoid all risk of arbitrariness (see, for instance*, ***Nasrulloyev v. Russia****, no. 656/06, § 71, 11 October 2007, and* ***Mooren v. Germany*** *[GC], no. 11364/03, § 76, 9 July 2009). The standard of "lawfulness" set by the Convention thus requires that all law be sufficiently precise to allow the person – if need be, with appropriate advice – to foresee, to a degree that is reasonable in the circumstances, the consequences which a given action may entail (see* ***Baranowski v. Poland****, no. 28358/95, § 52, ECHR 2000-III).*

Imbaghad irribadiet li:

*2. Compliance with national law is not, however, sufficient. Article 5 § 1 of the Convention requires in addition that any deprivation of liberty should be in keeping with the purpose of protecting the individual from arbitrariness (see* ***Bozano v. France****, 18 December 1986, § 54, Series A no. 111). It is a fundamental principle that no detention which is arbitrary can be compatible with Article 5 § 1. The notion of "arbitrariness" in Article 5 § 1 extends beyond lack of conformity with national law, so that a deprivation of liberty may be lawful in terms of domestic law but still arbitrary and thus contrary to the Convention (see* ***Saadi,*** *cited above, § 67). While the Court has not previously formulated a global definition as to what types of conduct on the part of the authorities might constitute "arbitrariness"*

*for the purposes of Article 5 § 1, key principles have been developed on a case-by-case basis. Furthermore, detention will be "arbitrary" where, despite complying with the letter of national law, there has been an element of bad faith on the part of the authorities (see* ***Giorgi Nikolaishvili v. Georgia****, no. 37048/04, § 53, 13 January 2009****;*** ***Bozano,*** *cited above, § 59; and* ***Saadi,*** *cited above, § 69) or where the domestic authorities have neglected to attempt to apply the relevant legislation correctly (see* ***Benham v. the United Kingdom****, 10 June 1996, § 47, Reports of Judgments and Decisions 1996-III, and* ***Liu v. Russia****, no. 42086/05, § 82, 6 December 2007)* (enfasi ta' din il-Qorti).

Illi kif gie spjegat fil-kaz **Saadi v United Kingdom** fuq citat

*"3. One general principle established in the case-law is that detention will be "arbitrary" where, despite complying with the letter of national law, there has been an element of bad faith or deception on the part of the authorities (see, for example,* ***Bozano v. France****, 18 December 1986, Series A no. 111, and* ***Čonka v. Belgium****, no. 51564/99, ECHR 2002-I). The condition that there be no arbitrariness further demands that both the order to detain and the execution of the detention must genuinely conform with the purpose of the restrictions permitted by the relevant sub-paragraph of Article 5 § 1 (see* ***Winterwerp****, cited above, § 39;* ***Bouamar v. Belgium****, 29 February 1988, § 50, Series A no. 129; and* ***O'Hara v. the United Kingdom****, no. 37555/97, § 34, ECHR 2001-X). There must in addition be*

*some relationship between the ground of permitted deprivation of liberty relied on and the place and conditions of detention (see Bouamar, § 50, cited above; Aerts v. Belgium, 30 July 1998, § 46, Reports 1998-V; and Enhorn v. Sweden, no. 56529/00, § 42, ECHR 2005-I)."* (Ara wkoll **James, Wells and Lee v United Kingdom** ghall-trattazzjoni komprensiva ta' dan l-element ta' arbitrarjeta' u proporzjonalita' fil-kuntest tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni).[41]

Illi dak li hu arbitrarju ma jiddependix minn kuncetti fissi u inflessibbli imma jigi apprezzat skont ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.

Illi b'differenza mal-kazijiet citati, il-qorti ghandha quddiem talba *pendente lite* ppernjata u marbuta ma' aggravju li ghad irid jigi determinat definittivament.

Illi fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, r-rikorrent ma jaghtix l-importanza mehtiega ghall-fatt li Qorti adita bit-talba ghall-helsien mill-arrest bilfors trid tikkonsidra bhala punt ta' partenza, l-fatt li ammetta l-htija tiehu. L-ammissjoni tieghu kienet marbuta ma’ reat gravi u serju, marbuta mal-importazzjoni, traffikar u bejgh ta' circa zewg kilos kokaina ta' purezza ta' 88%. Ma jistax jippretendi li l-Qorti ma tharisx lejn il-fatt tal-ammissjoni u n-natura tar-reat. Aparti l-ewwel aggravju minnu imressaq, l-aggravji l-ohra fir-rikors tal-appell jindirizzaw ir-rwol tieghu fl-

---

[41] App Nru. 25119/09, 57715/09 and 57877/09- 18.09.2012

importazzjoni tad-droga billi din tinfluwixxi fuq il-piena li jilmenta kienet wahda eccessiva u sproporzjonata.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-egalita' tad-detenzjoni d-decizjoni in kwantu bbazata fuq normativa ta' ligi ordinarja, taghmel id-detenzjoni wahda legali purke' li mhix arbitrarja.Anke fir-rikors tal-appell huwa rikonoxxut li l-parametri tal-piena applikabbli ghalih huma bejn 4 snin u 30 sena. Tenut kont ta' dawn il-fatturi, din il-Qorti ma tara l-ebda arbitrarjeta' fid-decizjoni mehuda mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Certament ma ssib l-ebda malafede jew skorrettezza fl-applikazzjoni tal-ligi. Issib ukoll li hemm ness ta' proporzjonalita' bejn il-fatt tal-ammissjoni ta' htija ta' akkuzi tant serji, l-applikazzjoni tan-normativa li tirregola l-helsien mill-arrest, u c-cahda tat-talba. Id-*diskussjoni illecita* giet konsiderata mill-Qorti bhala wiehed fost ic-cirkostanzi li kellha tikkunsidra, fosthom il-fatt li skont il-ligi r-rikorrent illum huwa persuna kkundannata ghad-delitti li instab hati li kommettihom fuq l-ammissjoni tieghu stess. Sakemm jigu annullati, il-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali jitqiesu li huma validi. Ghaldaqstant hija rragunata li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma jikkonsidrax biss jew primarjament dik il-konverzazzjoni *ai fini ta' talba pendente lite* ghaliex l-apprezzament tal-provi fir-rigward ghad kellhom jigu trattati fil-mertu.

**Il-qorti ghalhekk issib li dan l-aggravju ma jreggix u ma ssibx li hemm vjolazzjoni tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

Dan qed jinghad minghajr pregudizzju ghall-konkluzjoni taghha dwar l-ewwel lanjanza marbuta mad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet u mit-talbiet skont dan li gej:

1. Tichad it-talbiet in kwantu ma ssibx li r-rikorrent sofra lezjoni tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza.

Madanakollu tirrizerva lir-rikorrent id-dritt li jerga' jaghmel talba ghall-helsien mill-arrest quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali u tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi inserita fl-atti quddiem dik il-Qorti fil-proceduri inkorsi fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta v Darren Desira.**

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Ottubru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Ottubru 2016**